# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 14 ta' Diċembru, 2018**

**Numru 1**

**Rikors numru 21/15 AF**

**Alfred Camilleri**

**v.**

**L-Avukat Ġenerali**

## Preliminari

1. Dan huwa appell ad istanza tal-attur Alfred Camilleri mis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili Qorti (*Sede Kostituzzjonali*) fid-19 ta' Ottubru 2017, li permezz tiegħu jitlob lil din il-qorti tikkonfermaha fejn ċaħdet l-ewwel talba tiegħu (fil-fatt m'hu qed iressaq l-ebda aggravju fir-rigward), u tħassarha fil-bqija tagħha, fis-sens li tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-Avukat

Ġenerali u tilqa' t-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-ħames talbiet tiegħu, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat.

2. Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell is-sentenza mogħtija mill-ewwel qorti qegħda tiġi hawnhekk riprodotta fl-intier tagħha:

> "Il-Qorti:
>
> "Rat ir-rikors ta' Alfred Camilleri li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:
>
> "L-esponent jinsab taht att ta' akkuza nru: 4/2010 fejn *inter alia* huwa jinsab akkuzat b'importazzjoni ta' medicina psikotropika u ristretta minghajr l-awtorizzazzjoni tas-Supretedent tas-Sahha Pubblika.
>
> "Fil-fatt il-guri ta' l-esponent huwa appuntat ghas-smiegh nhar id-9 ta' Marzu 2015 presedut mill-Onor. Imhallef Michael Mallia.
>
> "L-esponent ihoss li ghandu jippromovi din l-azzjoni abbazi ta' vjolazzjonijiet serjissimi li jistghu jimpingu direttament fuq l-ezitu tal-guri hawn fuq surreferit.
>
> "L-esponent ihoss li ghandu jelenka l-aggravji mressqa minnu sa' dan il-punt.
>
> "L-esponent ressaq referenza quddiem il-Qorti Kriminali abbazi tal-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta fejn allega li minhabba l-fatt li l-istess esponent ma kien inghata l-fakolta qabel ma gie interrogat li jikkomunika ma avukat ta' fiducja tieghu, dan il-fatt illeda d-dritt fundamentali tieghu hekk kif sancit fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvezjoni Ewropeja.
>
> "Permezz ta' sentenza datata 16 ta' Jannar 2012 fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs Alfred Camilleri l-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) per Onor. Imhallef Anthony Ellul ddecidiet il-vertenza hekk:
>
> > *1. "Kien hemm lezjoni tad-dritt fundamentali ta' Alfred Camilleri protett mill-Artikolu 6(3)(c) abbinatmal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea, u dan peress li ma kellux dritt ghall-access ta' avukat qabel sarulu domandi mill-Ispettur Norbert Ciappara fi Triq Sant'Ursola, Valletta u fid-dar 134, Triq Sant'Ursola, Valletta fis-7 ta' Settembru 2006.*
> >
> > *2. "Tiddikjara li fil-kors tas-smiegh tal-proceduri kriminali m'ghandux isir uzu ta' provi li jkunu jirreferu ghal dak li qal Alfred Camilleri lill-Ispettur Norbert Ciappara fis-7 ta' Settembru 2006 gewwa Triq Sant'Ursola, Valletta u fid-dar numru 134, Triq Sant'Ursola, Valletta, bi twegiba ghal domandi li ghamillu l-istess spettur.*

> 3. *"Kriminali, tqies li ghandha tkun dik il-qorti li taghti ordni li tkun konformi ma' dak li gie deciz f'din is-sentenza dwar x'ghandu jsir minn dawk il-partijiet tat-traskrizzjonijiet tax-xhieda tal-Ispettur Norbert Ciappara, Diane Fenech PS1086 Johann Micallef u PC213 Nicolai Borg b'riferenza ghal dak li qal Alfred Camilleri lill-pulizija fis-7 ta' Settembru 2006.* ***(enfasi tal-esponent).***

"Sussegwentement l-Avukat Generali ipprezenta rikors t'appell u permezz ta' sentenza datata 12 ta' Novembru 2012 moghtija mill-Qorti kostituzzjonali pero Onor Imhallef Giannino Caruana Demajo bhala Agent President, Onor. Imhallef Noel Cuschieri u Onor. Imhallef Joseph Zammit Mc Keon, il-Qorti Kostituzzjonali cahdet l-appell hemm interpost u kkonfermata is-sentenza appellata.

"Stranament u b'mod sorprendenti, saret talba ghar-ritratazzjoni mill-Avukat Generali a tenur tal-artikolu 811(l) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u stranament u aktar minn hekk b'mod mill-aktar inaspettat kontra nofs seklu ta' kazistika dik l-istess Qorti laqghet din it-talba. Issir referenza ghas-sentenza datata 1 ta' Lulju 2013.

"Sussegwentement u hawnhekk bl-aktar mod zbalordittiv l-istess Qorti Kostituzzjonali komposta mill-istess gudikanti li ppresedju fuq is-sentenza moghtija fit-12 ta' Novembru 2012 qalbu totalment ir-ragunament qabel gudikat u permezz ta' sentenza moghtija fil-31 ta' Jannar 2014 ddecidew finalment il-vertenza hekk:

> *"Ghal dawn il-motivi tilqa' l-appell, thassar is-sentenza appellata tas-16 ta' Jannar 2012, u dwar l-ordni ta' referenza mibghuta mill-Qorti Kriminali tiddikjara li ma sehhet ebda lezjoni tad-dritt fondamentali ghal smigh xieraq skont l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni fil-konfront ta' Alfred Camilleri.*

"L-esponent, minhabba dan l-akkadut ihoss li ghandu erba' ilmenti xi jressaq.

**1) "Lezjoni tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-artikolu 39 minhabba sentezi konfliggenti dwar l-assitenza legali**

"Fl-ewwel lok l-esponent jikkontendi li sehhet vjolazzjoni tal-artikolu 6 minhabba l-incertezza legali li kkreat l-oghla Qorti nostrana meta biddlet kemm il-kunsiderazzjonijiet u ragunament fis-sentenzi nostrana dwar l-assitenza legali. F'dan is-sens jinghad li inizjalment il-fatt li wiehed kien minuri waqt l-arrest kien jittiehed bhala semplici aggravju ta' l-istess lezjoni. Aktar ricentement, l-istess Qorti bdiet issostni li wiehed irid ikun minuri sabiex tinstab vjolazzjoni. Sussegwentment imbaghad, l-ahhar gurisprduenza fuq din is-*subiecta materia* regghet inbiddlet fis-sens li l-ezami li issa qieghed ssir mill-Qrati huwa jekk il-bniedem koncernat jistax jitqies bhala vulnerabbli, irrispettivament mill-età.

"Jinghad anke minhabba din l-incertezza hemm numru sostanzjali ta' kawzi attwalment pendenti quddiem il-Qorti Ewropeja.

“Fost diversi sentenzi (l-esponent sejjer jaghmel elenku shieh waqt is-smiegh ta’ din il-procedura), l-esponent jaghmel referenza ghas-sentenzi fl-ismijiet:

1) **<u>Il-Pulizija (Spettur Victor Aquilina) vs Mark Lombardi</u>** (Ref Kost Nru : 34/2009) moghtija mill-Prim Awla (Sede Kostituzzjonali) nhar id-9 ta’ Ottubru 2009.

2) **<u>Il-Pulizija (Sup Norbert Ciappara) Vs Pullicino Esron</u>** (Ref Kost Nru : 63/2009) moghtija mill-Prim Awla (Sede Kostituzzjonali) nhar il- 24 ta’ Frar 2010.

3) **<u>Il-Pulizija (Spettur Victor Aquilina) Vs Privitera Alvin</u>** (Ref Kost Nru : 20/2009) moghtija mill-Prim Awla (Sede Kostituzzjonali) nhar it-28 ta’ Ottubru 2010. Interessanti ferm li f’din il-kawza kienet inghatat din l-interprettazjoni:

> “*Illi din il-Qorti hija tal-fehma li ghalkemm huwa minnu li l-process irid jigi ezaminat fit-totalita’ tieghu dan ma iffissirx li hemm bzonn li tistenna l-ezitu finali tieghu bilfors! Jekk hemm ragunijiet li jindikaw li d-dritt tas-smigh xieraq qieghed jigi jew se jigi pregudikat il-Qorti ghandha dmir tiddikjara li tali dritt ta’ smigh qed jigi jew ser jigi miksur. Jinghad ukoll li huwa vitali li dan kollu ghandu jigi ezaminat fid-dawl tas-sitwazzjoni li kienet tezisti fiz-zmien meta sar l-arrest, anke dak mertu tal-kawza odjerna, u cjoe’ l-assenza totali ta’ ligi li b’xi mod tiffissa l-parametri dwar l-assistenza ta’ avukat f’dawn is-sitwazzjonijiet, ghaliex hawn Malta qabel l-emenda msemmija ma kien hemm f’ebda cirkostanza l-ebda dritt ta’ access ghall-avukat mill-mument li persuna tigi arrestata mill-pulizija.*
>
> *Illi huwa mportanti li jinghad ukoll li mill-gurisprudenza tal- Qorti Ewropeja d-dritt ghall-assistenza ta’ avukat “at pretrial stages” mhix ristretta biss ghall-persuni minorreni li jkun taht arrest.*

*4)* “**<u>Il-Pulizija (Spettur Victor Aquilina) vs Mark Lombardi</u>** (Ref Kost Nru : 34/2009) moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali nhar it-12 ta’ April 2011.

5) “**<u>Il-Pulizija (Supretendent Norbert Ciappara) v. Esron Pullicino</u>** (Appell Civili Numru. 63/2009/1) moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali nhar it-12 ta’ April 2011. F’dik is-sentenza nghad hekk:

> “*"Il-Qorti hawnhekk tirribadixxi li r-regola hi li persuna ghandha tkun assistita minn Avukat mill-bidu tal-investigazzjoni mill-Pulizija, u l-fatt li akkuzat ikun minuri huwa aggravju ulterjuri ghaliex ma kellhiex tittiehdet listqarrija meta ma kienx assistit minn avukat.*

6) “**<u>Il-Pulizija (Spettur Victor Aquilina) v. Alvin Privitera</u>** (Appell Civili Numru. 20/2009/1) ukoll moghtija mill-istess Qorti fl-istess gurnata.

7) “**<u>Joseph Bugeja vs L-Avukat Generali</u>** (Rik Nru: 70/2011) Prim Awla Sede Kostituzzjonali datata 23 ta’ Marzu 2012 u kkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali nhar il-4 ta' Jannar 2013. Ma nstabitx vjolazzjoni.

8) "**Il-Pulizija (Spettur Josrick Mifsud) v. Tyrone** Fenech (App Civili Nru: 69/2009/1) deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit- 22 ta Frar 2013 fejn ma nstabitx vjolazzjoni wara li il-Prim Awla (Sede Kostituzzjonali) fl-istess ismijiet kienet sabet vjolazzjoni permezz ta' sentenza datata 23 ta' Jannar 2012.

9) "**Il-Pulizija (Spettur Josrick Mifsud) vs Amanda Agius** (Appell civili Nru: 68/2009/1) deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit- 22 ta Frar 2013 fejn ma nstabitx vjolazzjoni wara li il-Prim Awla (Sede Kostituzzjonali) fl-istess ismijiet kienet sabet vjolazzjoni permezz ta' sentenza datata 23 ta' Jannar 2012.

"Kien hemm diversi sentenzi ohra li juru n-nuqqas ta' interprettazjoni linjari adoperata mill-Qorti nostrana. L-esponent jaghlaq b'din il-lista billi jsemmi l-aktar sentenza ricenti sal-hin tal-kitba ta' dan ir-rikors u cioé is-sentenza fl-ismijiet **Taliana Anthony vs Il-Kummissarju Tal-Pulizija Et** moghtija fis-6 ta' Frar 2015 mill-Qorti Kostituzzjonali fejn sabet vjolazzjoni nonostante l-fatt li l-akkuzat ma kienx minuri. Ghalhekk **sitt snin wara l-ewwel sentenzi** l-istess Qorti regghet marret lura ghal-ewwel interprettazjoni.

"Filwaqt li huma minnu lil-Qrati nostrana m'humiex marbuta bil-ligi tal-precedent, huma jutilizzaw il-principju *auctoritas rerum similiter judicatarum* sabiex tigi kreata certezza legali u dan hafna aktar determinant fil-kamp kriminali. Huwa minnu wkoll li c-certezza tad-dritt tista tkun flessibbli fis-sens illi l-Qrati jistghu f'xi hin jaghtu interprettazjonijiet godda. Izda, l-Qorti Ewropeja kellha diversi okkazzjonijeit sabiex tanalizza l-elementi li jistghu iwasslu ghal-lezjoni kif qieghed jigi sotttomess l-esponent. F'dan is-sens issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Beian vs Romania** (Applikazzjoni nru. 30658/05) decided on the 6th December 2007 whereby this Court stated:

> "*37. Admittedly, divergences in case-law are an inherent consequence of any judicial system which is based on a network of trial and appeal courts with authority over the area of their territorial jurisdiction.* ***However, the role of a supreme court is precisely to resolve such conflicts*** *(see Zielinski and Pradal and Gonzalez and Others v. France [GC], nos. 24846/94 and 34165/96 to 34173/96, § 59, ECHR 1999-VII).*
>
> "*38. In the instant case it is clear that the HCCJ was the source of the profound and lasting divergences complained of by the applicant.*
>
> "*39. The practice which developed within the country's highest judicial authority is in itself contrary to the principle of legal certainty, a principle which is implicit in all the Articles of the Convention and constitutes one of the basic elements of the rule of law (see, mutatis mutandis, Baranowski v. Poland, no. 28358/95, § 56, ECHR 2000-III).* ***Instead of fulfilling its task of establishing the interpretation to be followed, the HCCJ itself became a source of legal uncertainty, thereby undermining public confidence in the judicial system*** *(see, mutatis mutandis, Sovtransavto Holding v. Ukraine, no. 48553/99, § 97, ECHR 2002-VII, and Păduraru, cited above, § 98; see also, by contrast, Pérez Arias v. Spain, no. 32978/03, § 27, 28 June 2007)."* ***(enfasi tal-esponent).***

"Ghar-rigward tal-principji stabbiliti mill-istess Qorti, issir referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet **Albu u Ohrajn vs Romania** moghtija fl-10 ta' Mejju 2012, fejn a para 34 insibu s-segwenti:

"*(iii) The criteria that guide the Court's assessment of the conditions in which conflicting decisions of different domestic courts ruling at last instance are in breach of the fair trial requirement enshrined in Article 6 § 1 of the Convention consist in establishing whether "profound and long-standing differences" exist in the case-law of the domestic courts, whether the domestic law provides for machinery for overcoming these inconsistencies, whether that machinery has been applied and, if appropriate, to what effect (see Iordan Iordanov and Others, cited above, §§ 49-50; see also Beian (no. 1), cited above, §§ 34-40; Ştefan and Ştef v. Romania, nos. 24428/03 and 26977/03, §§ 33-36, 27 January 2009; Schwarzkopf and Taussik, cited above, 2 December 2008; Tudor Tudor, cited above, § 31; and Ştefănică and Others, cited above, § 36);*

"*(iv) The Court's assessment has also always been based on the principle of legal certainty which is implicit in all the Articles of the Convention and constitutes one of the fundamental aspects of the rule of law (see, amongst other authorities, Beian (no. 1), cited above, § 39; Iordan Iordanov and Others, cited above, § 47; and Ştefănică and Others, cited above, § 31);*

"*(v) The principle of legal certainty, guarantees, inter alia, a certain stability in legal situations and contributes to public confidence in the courts. The persistence of conflicting court decisions, on the other hand, can create a state of legal uncertainty likely to reduce public confidence in the judicial system, whereas such confidence is clearly one of the essential components of a State based on the rule of law (see Paduraru v. Romania, § 98, no. 63252/00, ECHR 2005-XII (extracts); Vinčić and Others v. Serbia, nos. 44698/06 and others, § 56, 1 December 2009; and Ştefănică and Others, cited above, § 38);*

"Hija s-sottomissjoni tal-esponent li minhabba fis-sentenzi hawn fuq citati, jirriuzlta kjarament divergenzi assoluti fl-interprettazjonijiet moghtija mill-istess Qorti u cioé l-Qorti Kostituzzjonali, li, fin-nuqqas ta' Qorti ta' Kassazjoni, ghandha hi d-dmir li tnehhi kull incertezza u certament mhux tkun tikkreja hi tal-istess.

"**2) Lezjoni tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta minhabba sentenzi konfliggenti dwar l-applikazzjoni tar-rimedju straordinarju ta' ritrazzazzjoni quddiem il-Qorti Kostituzzjonali u 3) lezjoni tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta minhabba l-fatt li d-decizjoni datata kienet *ultra vires* tal-istess Qorti.**

"L-istess sottomissjonijiet hawn fuq maghmula jghoddu *multo magis* ghal dawn il-lezjonijiet.

"B'kull dovut rispett l-esponent ma jistax jaqbel mas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali li laqghet talba ghar-ritrazzjani meta huma bosta s-sentenzi li jghidu li tali procedura teskludi l-fergha kostituzzjonali meta din tkun lahqet inqathet fl-istadju tal-appell.

"Id-divergenza u ghalhekk l-assurdità legali li nhalqet meta giet akkolta t-talba ghar-ritrazzjani timmanifesta ruha ulterjorment meta wiehed jara li ricentement, l-istess Qorti Kostituzzonali (diversament preseduta) cahdet talba ghar-ritratazzjoni precisament ghlaiex dehrila li ma tezistix dik il-procedura!

"F'dan is-sens l-esponent jaghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **AIC Joseph Barbara et vs l-Onor Prim Ministru et** moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali nhar it-13 ta' Jannar 2015 fejn, wara analizi tal-gurisprudenza kopjuza u kostanti fuq dan il-punt intqal hekk:

> "*Wara dawn is-sentenzi, il-legislatur Malti emenda l-Artikolu 811 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta), izda kkonceda dritt ta' ritrattazzjoni wara sentenzi tal-Qorti Civili, Prim'Awla fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha, u intenzjonalment eskluda dan ir-rimedju wara decizjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali. Inghad intenzjonalment, ghax il-gvern tal-gurnata kien zgur konxju mis-sentenzi fuq imsemmija, izda xorta wahda ma deherlux li kellu jipproponi li jestendi dan ir-rimedju ghas-sentenzi moghtija minn din il-Qorti.*
> *Dan l-artikolu tal-ligi mhux qed jigi attakkat, u mhux qed jigi allegat li dak lartikolu jikser id-drittijiet fundamentali ta' dak li jkun.*
>
> "*Hu minnu li l-Qorti Kostituzzjonali, fejn jidhlu d-drittijiet tal-bniedem, hija qorti ta' revizjoni wara decizjoni moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili. Jibqa l-fatt, pero`, li l-Qorti Kostituzzjonali m'hijiex Qorti tal-Appell, u ghandha gurisdizzjoni specjali u funzjoni partikolari li jinsabu lill'hinn mill-process ordinarju regolat bil-Kap. 12 imsemmi. Ir-rimedju ta' ritrattazzjoni huwa rimedju straordinarju, bil-procedura tkun applikabbli biss fil-kazijiet espressament kontemplati fil-ligi li, gie ritenut, jridu jinghataw interpretazzjoni stre ttissima u litterali (ara, perezempju, il-kawza Testaferrata Moroni Viani et v. Vella, deciza mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' Settembru 2004). Darba l-ligi ma tikkontemplax ritrattazzjoni mis-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali ma tistax, dik il-Qorti stess, tohloq tali rimedju. Il-kaz inghalaq mad-decizjoni ta' din il-Qorti, salv id-dritt tac-cittadin milqut hazin li, forsi ghat-tielet darba jressaq l-ilment tieghu quddiem il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem.*

"Dan il-bran wahdu ghandu juri kjarament id-divergenza li tezisti fir-ragunamnet ta' l-oghla Qorti ta' pajjizna fejn anke fuq punt ta' applikabbilita ta' ligi partikolari ma hemmx interprettazjoni singulari. Dan ma jistax jitqies bhala semplici interprettazjoni differenti, ghaliex kien biss wara snin ta' gurisprudenza kostanti li l-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza hawn fuq imsemmija accettat argument gdid. Issir referenza ghal-kazistika citata fis-sentenza fl-ismijiet **Paul Stoner et vs Onor Prim Ministru et** moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali nhar it-28 ta' Gunju 1996.

"Ghalhekk l-esponent jissottometti li meta l-Qorti Kostituzzjonali permezz tas-sentenza taghha fl-ismijiet **ir-Repubblika ta' Malta vs Alfred Camilleri** datata 1 ta' Lulju 2013 halqet incertezza legali ghaliex marret kontra snin ta' decizijonijet li qalu li ma tezistix dik il-fakolta u ghalhekk hija u kienet *ultra vires*. Gialadarba ghalhekk dik il-Qorti ma kellhiex il-vires li tinvestiga u tiddertermina talba ghar-ristrattazzjoni minn *res judicata* kostituzzjonali isewgi li ir-revoka tas-sentenza precedenti ma saritx skond il-ligi u ghal din ir-raguni wkoll sehhet vjolazzjoni tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

"Ghalhekk l-esponent jissottometti li anke f'dan ir-rigrward sehhet vjolazzjoni kif hawn fuq spjegat.

"**4) Lezjoni tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta minhabba l-fatt li kien hemm l-istess Imhalfin sedenti kemm fis-sentenza datata 1 ta' Lulju 2013 u fis-sentenza datata 31 ta' Jannar 2014.**

"L-esponent jikkontendi ulterjorment li sehhet vjolazzjoni taht l-istess artikoli anke minhabba l-fatt li l-istess Imhallfin semghu kemm l-ewwel appell, it-talba ghar-ritrazzjani izda aktar minn hekk regghu kienu l-istess Imhallfin li ddecidew is-sentenza b'mod finali wara li kienu laqghu t-talba ghar-ritrattazzjoni.

"Huwa principju ben stabbilit, u dan jaghmel huwa kemm logiku kif ukoll ghandu sens legali li gudikant ma jistax jerga jiggudika s-sentenza fuq talba ta' ritrattazzjoni meta l-ewwel sentenza kienet allura aflitta bi zball tieghu. B'dan il-mod l-istess gudikant ikun qieghed jiggudika lilu nnifsu.

"It-talba ghar-ritrattazzjoni fil-kaz odjern saret abbazi tal-artikolu 811(l) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid hekk:

> "*(l) jekk is-sentenza kienet l-effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża.*
>
> "*Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li hemm dak l-iżball, fil-każ biss li d-deċiżjoni tkun ibbażata fuq is-suppożizzjoni ta' xi fatt li l-verità tiegħu tkun bla ebda dubju eskluża, jew fuq is-suppożizzjoni li ma jeżistix xi fatt, li l-verità tiegħu tkun stabbilita pożittivament, basta li, fil-każ il-wieħed u l-ieħor, ilfatt ma jkunx punt ikkontestat illi jkun ġie deċiż bis-sentenza.*

"B'hekk l-istess gudikanti kienu qeghdin jiddeterminaw zball taghhom infushom. Fil-fatt fis-sentenza taghha datata 1 ta' Lulju 2013 hija qalet hekk:

> "*Ghandu jinghad ukoll illi s-suppozizzjoni zbaljata tal-qorti li ma kiitx inghatat it-twissija kienet determinant fil-motivazzjoni taghha, ghax kienet ir-ragun ghala l-qorti sabet ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni."*

"Din il-vjloazzjoni ssib komfort fis-sentenzi tal-Qorti Ewropeja propju kontra l-Istat Malti. Fil-fatt l-esponent jaghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet

**San Leonardo Band Club vs Malta (App Nru: 77562/01)** deciza mill-Qorti Ewropeja nhar id-29 ta' Lulju 2014 fejn gie deciz hekk:

"*61. In the instant case, the concerns regarding the Court of Appeal's impartiality stemmed from the fact that its bench was composed of the same three judges who had previously heard the merits of the case and adopted the impugned judgment of 30 December 1993.*

*"62. The Court accepts that that situation could raise doubts in the applicant company's mind about the impartiality of the Court of Appeal. However, it has to decide whether those doubts were objectively justified. The answer to this question depends on the circumstances of the case.*

"*63. In this connection, the Court observes that, as regards the request for a retrial, the Court of Appeal was essentially called upon to ascertain whether its previous judgment of 30 December 1993 was based on a misinterpretation of the law. Thus, the same judges were called upon to decide whether or not they themselves had committed an error of legal interpretation or application in their previous decision, being in fact requested to judge themselves and their ability to apply the law.*

"*64. The Court notes that the present case is distinguishable from that of Thomann, cited by the Government (see paragraph 52 above). In the latter case, during the retrial proceedings new and comprehensive information was available to the judges, who were undertaking a fresh consideration of the whole matter and were not called upon to evaluate and determine their own alleged mistakes (p. 816, § 35). In the instant case, the trial judges were called upon to assess and determine whether their own application of the law had been adequate and sufficient.*

"*65. These circumstances are sufficient to hold the applicant company's fears as to the lack of impartiality of the Court of Appeal to be objectively justified.*

"*66. There has accordingly been a breach of Article 6 § 1 of the Convention.*

"Huwa minnu li dik is-sentenza kienet tittratta zball ta' ligi, izda hija s-sottomissjoni tal-esponent li l-istess principji ghandhom japplikaw *mutatis mutandis* ghall-fattispecie tal-kaz odjern.

"Ghalhekk sehhet vjolazzjoni kif hawn fuq sottomess.

"Intalbet din il-Qorti sabiex:

1) "Tiddikjara li sehhet vjolazzjoni fil-konfront tal-esponent a tenur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-artikolu 39 minhabba sentezi konfliggenti dwar l-assitenza legali fl-istadju tal-arrest.

2) "Tiddikjara li sehhet vjolazzjoni fil-konfront tal-esponent a tenur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta minhabba sentenzi konfliggenti dwar l-applikazzjoni tar-rimedju straordinarju ta' ritrazzazzjoni quddiem il-Qorti Kostituzzjonali .

3) “Tiddikjara li sehhet vjolazzjoni fil-konfront tal-esponent lezjoni tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta minhabba l-fatt li d-decizjoni datata kienet ultra vires tal-istess Qorti.

4) “Tiddikjara li sehhet vjolazzjoni fil-konfront tal-esponent a tenur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta minhabba l-fatt li kien hemm l-istess Imhalfin sedenti kemm fis-sentenza datata 1 ta’ Lulju 2013 u fis-sentenza datata 31 ta’ Jannar 2014 fl-ismijiet Ir-Repubblika ta’ Malta vs Alfred Camilleri.

5) “Taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa,sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent **inkluz** li tannulla s-sentenzi moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet Ir-Repubblika ta’ Malta vs Alfred Camilleri datati 1 ta’ Lulju 2013 u 31 ta’ Jannar 2014 u dan that dawk il-provedimenti li jidrilha xierqa u opportuni.

“Bl-ispejjez.

“Rat ir-risposta tal-intimat Avukat Ġenerali li in forza tagħha eċċepixxa:

“Illi l-lanjanza tar-rikorrenti hija li allegatament soffra vjolazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta ‘*minhabba sentenzi konfliggenti dwar l-assistenza legali’* kif ukoll ‘*minhabba sentenzi konfliggenti dwar l-applikazzjoni tar-rimedju straordinarju ta’ ritrattazzjoni quddiem il-Qorti Kostituzzjonali’*, ‘*minhabba l-fatt li d-decizjoni datata kienet ulra vires tal-istess Qorti’* u ‘*minhabba l-fatt li kien hemm l-istess Imhallfin sedenti kemm fis-sentenza datata 1 ta’ Lulju 2013 u fis-sentenza datata 31 ta’ Jannar 2014’.*

“Illi l-esponenti jikkontesta l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:

“Illi in linea preliminari, ir-rikors promotur huwa wiehed frivolu u vessatorju u abbuziv tal-process gudizzjarju ai termini tal-Aritkolu 46 (5) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4 (5) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja (Kap. 319 tal-Ligijiet ta’ Malta) stante li mhux ghajr appell mid-decizjoni tal-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali tal-31 ta’ Jannar 2014 fl-ismijiet ‘*Ir-Repubblika ta’ Malta vs Alfred Camilleri’* (referenza kostituzzjonali numru 32/2011). Kif gie ritenut diversi drabi fil-gurisprudenza nostrana, din il-Qorti kif adita m’hijiex Qorti ta’ revizjoni u dan peress li m’hijiex il-funzjoni taghha li tiddeciedi jekk Qrati ohra ddecidewx il-kawzi sew jew le, izda biss jekk tali decizjonijiet jivvjolawx id-drittijiet fundamentali tal-individwu.

“Illi mir-rikors promotur jinzel car li l-ghan ewlieni tar-rikorrenti huwa li jwaqqaf il-guri li jinsab appuntat ghas-smiegh fil-gurnata ghad-9 ta’ Marzu 2015 u dan jinzel bl-aktar mod car gialadarba s-sentenza li minnha qieghed jillamenta r-rikorrenti nghatat fil-31 ta’ Jannar 2014 u r-rikors promotur gie pprezentat lejliet li ser jinstema’ l-guri.

"Illi in linea preliminari wkoll, in kwantu r-rikorrenti jillamenta mill-komposizzjoni tal-Qorti Kostituzzjonali li semghet l-appell mill-gdid fil-kawza fl-ismijiet '*Ir-Repubblika ta' Malta vs Alfred Camilleri'* (referenza kostituzzjonali numru 32/2011), l-esponenti jecepixxi n-nuqqas ta' rimedju ordinarju ai termini tal-Artikolu 4 (2) tal-Kap. 319 u tal-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni u dan stante li l-sitess rikorrenti seta' talab ir-rikuza tal-Gudikanti skont l-Artikolu 733 et seq tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta).

**"Ebda ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta**

"Illi in kwantu ghal dak li jirrigwarda l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja, l-esponenti jibdew biex jissottomettu li l-Artikolu 39 (1) u (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdi li sabiex jigi garantit id-dritt ghal smigh xieraq, is-smigh ghandu jsir fi zmien ragjonevoli, u jinstemgha minn Qorti ndipendenti u mparzjali mwaqqfa b'ligi. L-Artikolu 6 (1) tal-Kap. 319 imur oltre meta jipprovdi li s-smigh ghandu jkun pubbliku u ghandu jkun quddiem tribunal indipendenti u mparzjali mwaqqaf b'ligi.

"Illi sabiex jigi determinat jekk ir-rikorrenti soffriex ksur tad-dritt tieghu ghal smigh xieraq, irid jigi ezaminat il-process kollu fit-totalita' tieghu. L-esponenti jirrilevaw illi ma sar xejn matul il-process relattiv ghar-rikorrenti li b'xi mod seta' jincidi fuq id-dritt tar-rikorrenti ta' process gust u wisq inqas saret xi influwenza lil min kellu jiggudika.

"Illi jezistu salvagwardji bizzejjed fid-dritt procedurali nostrali sabiex jovvjaw ghal kull periklu ta' ntralc ta' smigh xieraq liema salvagwardji jiggarantixxu process xieraq u smigh gjust.

"Illi in kwantu r-rikorrenti qieghed jilmenta minn nuqqas ta' certezza naxxenti mid-decizjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali li jirrigwardaw l-assistenza legali u li allegatament huma kunfliggenti, l-esponneti jissottometti li l-principju ta' *judicial certainty* huwa implicitu fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja. Illi dak li qed jargumenta r-rikorrenti fir-rikors in risposta mhuwiex li hemm incertezza fl-interpretazzjoni ta' ligi partikolari izda hija bbazata fuq allegata incertezza dwar sentenzi moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali. Ir-rikorrenti qed jittanta jiffabrika vjolazzoni u dan peress li certu sentenzi moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali, inkluz dik moghtija fil-konfront tieghu, ma ghogbuhx.

"L-esponenti jissottometti li jekk wiehed janalizza l-kazijiet fuq il-bazi ta' *case by case* jirrizulta b'mod l-aktar car li l-principju tac-certezza bl-ebda mod ma gie menomat bis-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali. Illi l-allegazzjonijiet li nsibu fil-kawzi ta' Privitera, Lombardi, Pullicino, Fenech, Agius u Taliana huma ferm differenti minn dawk il-kazijiet fejn il-Qorti Kostituzzjonali ma sabitx vjolazzjoni. Illi r-rikorrenti erronjament jallega li fis-sentenza relattiva ghal Fenech u Agius instabet vjolazzjoni: mill-qari tas-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali tat-23 ta' Jannar 2012 jinzel li l-Qorti Kostituzzjonali sabet vjolazzjoni relattiva ghat-tehid tal-istqarrija mill-ufficjali tal-Pulizija izda ma nstabet l-ebda vjolazzjoni ghal dak li jirrigwarda l-istqarrija guramentata

quddiem il-Magistrat Inkwerenti. Illi ghalhekk mhuwiex korrett ir-rikorrenti meta jargumenta li fil-kawzi ta' Fenech u Agius instabet vjolazzjoni minghajr ma jaghmel il-kwalifika necessarja u dan peress li fil-kawzi l-ohra inkluz dik odjerna l-mertu jitratta l-istqarrija moghtija lill-Ufficjali tal-Pulizija u mhux l-istqarrija guramentata quddiem il-Magistrat Inkwerenti.

"Illi mbaghad ghal dak li jirrigwarda l-kaz ta' Bugeja, l-esponenti jinnotta li r-rikorrenti qieghed jitfa' kollox f'keffa wahda minghajr ma jaghmel distinzjoni bejn dawk il-kazijiet li ghalkemm kienu jitrattaw in-nuqqas ta' assistenza legali, l-proceduri kriminali ormai ghaddew in gudikat. Illi l-kaz tar-rikorrenti huwa differenti u dan peress li l-guri ghadu ser jinstema'.

"L-esponenti jirrileva li konsegwenza naturali ta' kull sistema gudizzjarja bbazata fuq strati differenti ga' gurisdizzjoni huwa li sentenzi jistghu ivarjaw mal-medda tas-snin. Illi fil-kaz *Albu and Others v. Romania* (applikazzjoni numru 34796/09) deciza fl-10 ta' Mejju 2012 mill-Qorti Ewropeja u li ghaliha jaghmel riferenza r-rikorrenti, il-Qorti Ewropeja enfasizzat li ma kinitx il-funzjoni taghha li titratta zbalji ta' fatt u ta' dritt allegatament kommessi mill-qrati nazzjonali sakemm tali zbalji ma kinux vjolaw drittijiet protetti mill-Konvenzjoni. Il-Qorti Ewropeja kompliet tosserva illi l-possibilita' ta' kunflitti ta' sentenzi tinsab f'kull sistema gudizzjarja. Dak li kellha tistabilixxi l-Qorti huwa jekk kienx hemm '*profound and long-standing differences'* bejn il-gurisprudenza tal-qrati domestici, jekk il-ligi domestika kinitx tipprovdi ghall-mekkanizmu sabiex jigu newtralizzati l-kunflitti u jekk tali mekkanizmu kienx applikat. Il-Qorti Ewropeja osservat ukoll li c-certezza ma tfissirx li kellu jkun hemm konsistenza fis-sentenzi u dan peress li l-evoluzzjoni tal-gurisprudenza ma jimmenomax l-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja. Fil-kaz trattat quddiem il-Qorti Ewropeja instabet vjolazzoni minhabba n-numru kbir ta' sentenzi kunfliggenti li kienu jitrattaw fatti u ligi identici. Il-Qorti kompliet tosserva li sabiex tigi stabbilita' certezza iridu jghaddu numru ta' snin u li perjodu ta' sentenzi kunfliggenti huwa tollerat filwaqt li l-principju ta' certezza bl-ebda mod ma jkun mittiefes.

"Illi minn analizi tal-kazijiet li r-rikorrent jaghmel riferenza ghalihom fir-rikors in risposta nsibu li l-kaz ta' Privitera, Lomardi, Pullicino, Agius, Fenech u Taliana (il-kaz ta' Bugeja kien differenti senjatament peress li kien jitratta sentenzi kriminali li kienu ghaddew in gudikat) huma simili ghal xulxin: minn analizi ta' dawn il-kazijiet jirrizulta illi s-sejba ta' vjolazzjoni kienet motivate fuq il-bazi tal-vulnerabbilita' tal-akkuzati nvoluti. Agius u Fenech kienu ta' eta' zghira meta rrilaxxaw l-istqarrija taghhom u abbazi ta' dan il-fattur kunsidrat bhala deciziv li nstabet il-vjolazzjoni fit-tehid tal-istqarrija tal-Pulizija waqt l-interrogazzoni. Fis-sentenza ta' Agius il-Qorti Kostituzzjonali ghamlitha cara fil-paragrafu 30 illi '*l-ewwel stqarrija moghtija quddiem il-pulizija fl-10 ta' Frar 2004, minhabba l-vulnerabilita' ta' Amanda Agius meta tqis l-eta' taghha, ma nghatatx f'cirkostanzi li jiggarantixxu l-legittimita' ta' dik l-istqarrija'.*

"Illi r-rikorrenti qieghed jinjora kompletament il-fatt li fil-kawza kostituzzjonali ntavolata minnu huwa ma kienx qieghed jattakka l-istqarrija fuq il-bazi ta' nuqqas ta' assistenza legali waqt l-interrogatorju. Dak li kien qed jilmenta minnu kien certu dikjarazzjonijiet li kien ghamel ir-rikorrent wara li nghata t-

twissija izda qabel ma rrilaxxa l-istqarrija tieghu. Illi ghalhekk, ma jezisti l-ebda pargun bejn il-kazijiet li ghalihom jirreferi r-rikorrent u l-kaz odjern. Illi minghajr pregudizzju ghal dan, fil-kaz odjern, ir-rikorrenti ma jistax jigi kkunsidrat bhala persuna vulnerabbli kif ukoll b'differenza ghall-kazijiet li jirreferi ghalihom ir-rikorrenti, fil-kaz odjern hemm provi ohra minbarra l-istqarrija.

"Illi ghal kuntrarju ghal dak allegat mir-rikorrenti, il-Qorti Kostituzzjonali rnexxila tikkreja certezza billi fid-decizjonijiet taghha holqot *pattern* fil-mod kif kazijiet li jinvolvu allegazzjoni ta' vjolazzjoni tad-dritt ta' smigh xieraq rizultanti minn nuqqas ta' assistenza legali waqt l-interrogazzjoni jigu decizi. Illi minn analizi mirquma tad-decizjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali jinzel bl-aktar mod car li l-Qorti Kostituzzjonali tati mportanza kbira lill-vulnerabbilita' tal-akkuzat f'kazijiet fejn il-persuna li tkun qed tati l-istqarrija tkun minuri jew persuna li ma tkunx ilha wisq li ghalqet it-tmintax-il sena u f'dawk il-kazijiet fejn l-unika prova tal-Prosekuzzjoni tkun l-istqarrija. Illi principju iehor li gie stabbilit huwa li kull kaz ghandu jigi analizzat u evalwat fuq il-fattispecie partikolari tieghu.

"Illi jsegwi ghalhekk li dina l-lanjanza mhijiex misthoqqa u ghandha tigi michuda.

"Illi in kwantu r-rikorrenti jallega vjolazzjoni tad-dritt ghal smiegh xieraq minhabba sentenzi li allegatament huma kunfliggenti dwar l-applikazzjoni tar-rimedju straordinarju ta' ritrattazzjoni quddiem il-Qorti Kostituzzjonali, l-esponenti jaghmel riferenza ghall-principji li ghamel riferenza ghalihom ghal dak li jirrigwarda allegat kunflitti tas-sentenzi dwar l-assistenza legali.

"Illi maghdud ma' dak li diga' ntqal aktar il-fuq f'dina r-risposta, l-esponenti jirrileva li kien permezz tal-emenda introdotta fl-Artikolu 811 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) permezz tal-Att VII tal-2007 li sar possibbli li kawza ta' natura kostituzzjonali tigi ritrattata. Illi wara l-introduzzjoni ta' tali emenda kien hemm biss f'numru zghir ta' kawzi (mhux aktar minn ghaxar kawzi) fejn xi wahda mill-partijiet talbet li ssir ritrattazzjoni ta' sentenza moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali. Illi certament tenut kont in-numru zghir ta' kawzi li jitrattaw il-kwistjoni ta' ritrattazzjoni minn sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali certament li wiehed ma jistax jasal ghall-konkluzjoni li hemm '*profound and long-standing differences'*.

"Illi jsegwi ghalhekk li dina l-lanjanza mhijiex misthoqqa u ghandha tigi michuda.

"Illi in kwantu r-rikorrenti jallega vjolazzjoni tad-dritt ghal smiegh xieraq minhabba allegazzjoni li d-decizjoni moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fejn laqghet it-talba sabiex jerga' jinstema' l-appell hija wahda *ultra vires*, l-esponenti jissottometti li ma hemm l-ebda ksur tal--artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u dan senjatament ghaliex dawn l-artikoli mhumiex intizi sabiex jiggarantixxu ezitu favorevoli ghall-individwu.

"L-esponenti jissottometti li r-rikorrenti ma qajjem l-ebda eccezzjoni jew opposizzjoni quddiem il-Qorti Kostituzzjonali meta kien qed jigi trattat ir-rikors tar-ritrattazzjoni fis-sens li l-istess Qorti Kostituzzjonali ma setghetx tilqa' tali talba.

"L-esponenti minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi sottomess ukoll li d-dritt ta' smigh xieraq jipprovdi garanziji u salvagwardji procedurali izda ma jipprovdi l-ebda garanzija li sentenza tkun 'korretta'. Illi l-esponenti ma jaqbilx mal-asserzjoni tar-rikorrenti li mhuwiex possibbli li jsir ritrattazzjoni minn sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali, tant il-legislatur ried li sentenzi ta' natura kostituzzjonali jigu trattati li sahansitra fetah dina l-possibilita' anke ghall-Prim' Istanza. Illi huwa ovvju li gialadarba li bl-amenda ntrodotta fis-2007 sentenza tal-Prim Awla (fis-sede kostituzzjonali) taghha tigi trattata aktar minn hekk tista' tigi trattata sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali. Illi s-sentenza tar-rikorrenti segwiet sentenzi ohra fejn giet milqugha talba ghal ritrattazzjoni (ara H. Vassallo & Sons Ltd vs Avukat Generali et – rikors numru 31/2008 deciza fit-8 ta' Ottubru 2012 mill-Qorti Kostituzzjonali u William Vella pro et noe vs Avukat Generali et – rikors numru 10/12 deciza fit-30 ta' Mejju 2014) u li certament ma jistax jinghad li l-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza odjerna kienet b'xi mod ultra vires il-poteri taghha.

"Illi jsegwi ghalhekk li dina l-lanjanza mhijiex misthoqqa u ghandha tigi michuda.

"Illi in kwantu r-rikorrenti jallega vjolazzjoni tad-dritt ghal smiegh xieraq minhabba li l-Gudikanti kienu l-istess Gudikanti li taw tal-1 ta' Lulju 2013 u s-sentenza tal-31 ta' Jannar 2014, l-esponenti jibda biex jissottometti li ghal dak li jirrigwarda l-Gudikanti li ppresedew il-Qorti Kostituzzjonali li quddiemha gie trattat ir-rikors tar-ritrattazzjoni deciz fl-1 ta' Lulju 2013, issir riferenza ghall-verbal tal-4 ta' Marzu 2014 fejn gie dikjarat mill-avukat li kien qed jippatrocinja lir-rikorrenti '*li ma ssib ebda oggezzjoni li l-Onorevoli Imhallfin Giannino Caruana Demajo u Noel Cuschieri jibqghu jikkomponu l-Qorti tal dan l-appell'.*

"Illi ghal dak li jirrigwarda l-komposizzjoni tal-Qorti Kostituzzjonali li kienu l-istess Gudikanti li taw is-sentenza tal-1 ta' Lulju 2013 u tal-31 ta' Jannar 2014, l-esponenti jissottometti li r-rikors ghal ritrattazzjoni kien mibni fuq zball ta' fatt liema zball kien jidher car li sar bi zvista. Illi l-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza taghha tal-1 ta' Lulju 2013 illimitat ruhha ghall-analizi jekk verament mill-atti processwali kienx jirrizulta li r-rikorrenti kien inghata t-twissija qabel ghamel certu dikjarazzjonijiet mal-Pulizija. Illi fl-ebda punt ta' dina l-analizi ma gie trattat il-mertu tal-vertenza u ghalhekk bl-ebda tigbid tal-immaginazzjoni ma jista' jinghad li r-rikorrenti soffra xi pregudizzju mill-fatt li l-istess Gudikanti kienu qed jippresjedu l-Qorti Kostituzzjonali kemm meta giet trattata r-ritrattazzjoni kif ukoll meta rega' nstemgha' l-appell.

"Illi jsegwi ghalhekk li dina l-lanjanza mhijiex misthoqqa u ghandha tigi michuda.

"Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

"Bl-ispejjez.

"Rat is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-25 ta' Novembru 2016 li permezz tagħha ħassret is-sentenza ta' din il-Qorti tal-25 ta' Mejju 2016 u bgħatet lura l-atti tal-kawża lil din il-Qorti sabiex jitkompla l-ismigħ tal-kawża.

"Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

"Rat l-atti kollha.

"Ikkunsidrat illi permezz ta' dawn il-proċeduri, ir-rikorrent qiegħed jitlob lill-Qorti ssib illi seħħet vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu a tenur tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem minħabba sentenzi konfliġġenti dwar assistenza legali fl-istadju ta' arrest, u dwar l-applikazzjoni tar-rimedju straordinarju ta' ritrattazzjoni għal sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali. Ir-rikorrent jgħid illi ġie leż id-dritt tiegħu għal smigh xieraq ukoll minħabba li meta ġie deċiż is-smiegh mill-ġdid tal-appell tal-Avukat Ġenerali mid-deċiżjoni tal-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fis-sede Kostituzzjonali tagħha, il-Qorti Kostituzzjonali kienet komposta mill-istess Imħallfin li kienu ddeċidew li għandu jsir dak is-smiegh mill-ġdid a tenur tal-artikolu 811(e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

"L-intimat laqa' għat-talbiet tar-rikorrent billi preliminarjmanet eċċepixxa li r-rikors huwa wieħed frivolu u vessatorju u li riferibbilment għall-ilment tiegħu dwar il-kompożizzjoni tal-Qorti Kostituzzjonali, ir-rikorrent kellu rimedju ordinarju a disposizzjoni tiegħu. Fil-mertu, l-Avukat Ġenerali eċċepixxa li ma seħħet l-ebda vjolazzjoni tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

"Il-fatti rilevanti huma dawn. Ir-rikorrent kien tressaq quddiem il-Qorti Kriminali akkużat b'importazzjoni ta' mediċina psikotropika u ristretta mingħajr l-awtorizzazzjoni tas-Supretendent tas-Saħħa Pubblika, assoċjazzjoni ma' persuna/i f'Malta jew barra sabiex ibiegħ u jittraffika din il-mediċina, u pussess ta' din il-mediċina. Permezz ta' digriet li ngħata fit-23 ta' Mejju 2011 fl-atti tal-akkuża 4/2010, il-Qorti Kriminali ordnat riferenza quddiem din il-Qorti diversament presjeduta wara li d-difiża għamlet talba f'dan is-sens sabiex:

> *"...jiġi determinat jekk dak li ġie rrapurtat li qal l-imputat mill-ispettur Norbert Ciappara, PC Ryan Fenech, PC Nikolai Borg u PS Johann Micallef jilledix id-dritt għas-smiegħ xieraq ta' l-imputat, kif sant fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem. Minħabba l-fatt li l-istess akkużat ma kienx ingħata l-fakolta qabel ma ġie interrogat li jikkomunika ma avukat ta' fiduċja tiegħu. Dritt ormai kristalizżat anke minn ġurisprudenza nostrali fi tlett kawżi partikolari."*[1]

"Permezz ta' sentenza datata 16 ta' Jannar 2012, din il-Qorti diversament presjeduta sabet illi kien hemm leżjoni tad-dritt fundamentali tar-rikorrent kif

[1] **Ir-Repubblika ta' Malta vs Alfred Camilleri**, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 16 ta' Jannar 2012

protett mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u ddikjarat illi fil-kors tal-proċeduri kriminali m'għandux isir użu tal-provi li jkunu jirreferu għal dak li qal Alfred Camilleri lill-Ispettur Norbert Ciappara fis-7 ta' Settembru 2006 ġewwa Triq Sant'Ursola, Valletta, u fid-dar numru 134, Triq Sant'Ursula, Valletta, bi tweġiba għal domandi li għamillu l-istess Spettur. Permezz ta' sentenza datata 12 ta' Novembru 2012 il-Qorti Kostituzzjonali ċaħdet l-appell tal-Avukat Ġenerali mis-sentenza tal-Ewwel Qorti u kkonfermat is-sentenza appellata.

"L-Avukat Ġenerali ressaq talba quddiem il-Qorti Kostituzzjonali għal smigħ mill-ġdid tal-appell quddiem dik il-Qorti, u dan skont il-provvedimenti tal-artikolu 811(l) tal-Kap. 12 peress illi skont l-Avukat Ġenerali s-sentenza attakkata kienet l-effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża. Peress illi l-Qorti Kostituzzjonali sabet illi hija kienet '*kompletament naqset milli tikkunsidra dak li xehed s-Sovritendent Norbert Ciappara quddiem l-onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fit-8 ta' Lulju 2011*', senjatament illi r-rikorrent kien ingħata twissija qabel ma sarulu l-mistoqsijiet fis-7 ta' Settembru 2006 u li din is-suppożizzjoni żbaljata tal-Qorti Kostituzzjonali li ma kinitx ingħatat it-twissija kienet determinanti fil-motivazzjoni tagħha, għax kienet ir-raġuni għaliex il-Qorti sabet ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, permezz ta' deċiżjoni datata 1 ta' Lulju 2013, laqgħet it-talba tal-Avukat Ġenerali u ħassret is-sentenza attakkata tat-12 ta' Novembru 2012 u ordnat illi l-appell jinstema' mill-ġdid.

"Sussegwentement, permezz ta' sentenza datata 31 ta' Jannar 2014, il-Qorti Kostituzzjonali ħassret is-sentenza apellata tas-16 ta' Jannar 2012 u dwar l-ordni ta' referenza mibgħuta mill-Qorti Kriminali ddikjarat illi ma seħħet l-ebda leżjoni tad-dritt fondamentali għal smigħ xieraq skont l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni fil-konfront tar-rikorrent. Fit-tlett deċiżjonijiet imsemmija, il-Qorti Kostituzzjonali kienet komposta mill-istess tlett ġudikanti.

"Jirriżulta wkoll illi fil-mori tal-proċeduri odjerni sar patteġġjament mal-intimat fil-proċeduri kriminali li kienu ttieħdu kontrih fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs Alfred Camilleri msemmija u llum ir-rikorrent qiegħed jiskonta perjodu ta' piena karċerarja.

"Il-lanjanza kostituzzjonali hija bbażata fuq allegata vjolazzjoni tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. L-ewwel sub inċiż ta' dan l-artikolu jaqra hekk:

> "*Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm il-darba l-akkuża ma tiġi irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi.*"

"Ir-rikorrent jinvoka wkoll l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. Id-disposizzjonijiet rilevanti ta' dan l-artikolu jaqraw hekk:

> "(1) *Fid-determinazzjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kullħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jistgħu jiġu esklużi mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali,*

*tal-ordni pubbliku jew tas-sigurta nazzjonali f'soċjeta demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun rigorożament meħtieġ fil-fehma tal-qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċita tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja*.'

"*(3) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu d-drittijiet minimi li ġejjin:*

*…*

"*(ċ) li jiddefendi ruħu persunalment jew permezz ta' assistenza legali magħżula minnu stess jew, jekk ma jkollux mezzi biżżejjed li jħallas l-assistenza legali, din għandha tingħata lilu b'xejn meta l-interessi tal-ġustizzja jeħtieġu hekk."*

"Permezz tal-ewwel eċċezzjoni tiegħu, l-Avukat Ġenerali jeċċepixxi li r-rikors promotur huwa wieħed frivolu u vessatorju u għaldaqstant, abbużiv tal-proċess ġudizzjarju ai termini tal-artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4(5) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta) stante li mhuwiex għajr appell mid-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali tal-31 ta' Jannar 2014 surriferita.

"Din il-Qorti tibda billi tgħid illi mhuwiex il-kompitu tagħha li tkun Qorti ta' reviżjoni dwar il-mertu tas-sentenzi mogħtija fil-konfront tar-rikorrent u li l-kawża tal-lum tirrigwarda biss l-aspetti kostituzzjonali u/jew konvenzjonali tad-drittijiet invokati (ara f'dan is-sens J.E.M. Investments Limited vs Avukat Ġenerali tal-Qorti Kostituzzjonali, deċiża fit-30 ta' Settembru 2011). Madanakollu, ma jfissirx neċessarjament ili t-talbiet odjerni huma fiergħa u vessatorju għaliex qiegħed isir abbuż tal-proċess ġudizzarju.

"Kif ingħad mill-Qorti Kostituzzjonali fil-każ ta' Mark Lombardo et v Kunsill Lokali Fgura et tat-8 ta' Jannar 2010:

"*Din il-Qorti tibda biex tirrileva li hi ma tistax u m'ghandiex isservi bhala Qorti tat-tielet istanza, u m'ghandhiex tirrevedi l-proceduri ta' quddiem il-Qrati Ordinarji jew l-analizi tal-fatti li dawn ikunu ghamlu, biex sempliciment timponi l-opinjonijiet taghha flok dawk tal-Qrati Ordinarji. Din mhix il-funzjoni ta' din il-Qorti (u anqas tal-Prim Awla fil-kompetenza taghha kostituzzjonali). Li trid tara' din il-Qorti huwa jekk id-decizjoni tal-Qrati Ordinarji, fil-kuntest tal-fattispecie ta' dan il-kaz, ittiehditx b' mod li gew lezi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti*."

"Din il-Qorti ma taqbilx mal-argument tal-Avukat Ġenerali li permezz ta' dawn il-proċeduri r-rikorrent qiegħed jitlob reviżjoni tad-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali tal-31 ta' Jannar 2014. Dak li qiegħed jitlob ir-rikorrent huwa li il-Qorti teżamina jekk id-drittijiet tiegħu hekk kif protetti mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni Ewropea ġewx leżi minħabba li l-imsemmija sentenza ngħatat mill-istess tlett Imħallfin li ddeċidew it-talba għar-ritrattazzjoni u minħabba allegata inċertezza legali fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna fir-rigward ta' żewġ suġġetti distinti u separati.

"Fid-dawl tal-premess, din il-Qorti hija tal-fehma li l-lanjanzi mqanqla mir-rikorrent mhumiex sempliċiment frivoli u/jew vessatorji, jiġifieri mhumiex fost dawk li:

> "*prima facie, m'għandhomx jitqiesu ta' ebda preġju jew valur, vani, nieqsa mis-serjeta, manifetament nieqsa mis-sens li ma jistħoqqilhomx attenzjoni, u/jew, li ġew sollevati mingħajr raġunijiet suffiċjenti u bl-iskop li jdejqu u jew jirritaw lill-kontroparti*." (ara f'dan is-sens **Alan Mifsud vs Avukat Ġenerali**, deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fl-20 ta' Novembru 1990 u **Il-Pulizija vs Noel Arrigo et**, deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fid-29 ta' Ottubru 2003).

"L-intimat Avukat Ġenerali ressaq ukoll eċċezzjoni preliminari fis-sens illi sa fejn l-ilment tar-rikorrent jolqot il-komposizzjoni tal-Qorti Kostituzzjonali li semgħet l-appell mill-ġdid, għaliex kienet komposta mill-istess tlett Imħallfin li ddeċidew it-talba tal-Avukat Ġenerali għall-ritrattazzjoni, huwa naqas milli jeżawrixxi r-rimedju ordinarju disponibbli għalih u dan stante li l-istess rikorrent seta' talab ir-rikuża tal-imsemmija Imħallfin skont l-artikolu 733 et seq. tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk, l-Avukat Ġenerali jikkontendi li fir-rigward ta' dan l-ilment din il-Qorti għandha tiddeklina milli teżerċita s-setgħat tagħha a tenur tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4(2) tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta.

"Kif ingħad fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet Mary Fatima Vassallo vs Daniel Spiteri et, deċiża fl-10 ta' April 2014:

> "*Issa l-esistenza ta rimedju ordinarju ghandha tirrizulta lill-Qorti bhala stat ta'* ***fatt attwali u obbjettiv****, u d-diskrezzjoni ta' l-Qorti li ma tezercitax is-setghat taghha "jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel" minhabba l-esistenza ta' rimedju iehor hija decizjoni fuq dak l-****istat ta' fatt****. Huwa biss meta jew jekk jirrizulta lill-Qorti bhala fatt li jezisti rimedju iehor* ***effettiv*** *ghar-rikorrent li l-Qorti tista' taghzel illi ma tezercitax is-setghat taghha li tisma' l-ilment imressaq quddiemha. F`kaz li ma jirrizultax rimedju iehor xieraq, il-Qorti trid tiehu konjizzjoni tal-ilment.*
>
> ....
>
> "*L-esistenza ta` rimedju iehor ghandha titqies fil-kuntest tal-ksur tad-dritt fondamentali li jkun qed jigi allegat li nkiser.* ***Ghandu jkun rimedju accessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur****. Ma hemmx ghalfejn li, biex jitqies bhala effettiv, ir-rimedju jintwera bhala wiehed li sejjer jaghti lir-rikorrent success garantit. Huwa bizzejjed li jintwera li jkun wiehed li jista' jigi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaci.*"

"Din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Edgar Publio Bonnici Cachia vs Avukat Ġenerali tad-29 ta' April 2014 elenkat is-segwenti prinċipji li jemerġu mill-ġurisprudenza li għandhom jiġu segwiti minn Qorti biex tqis jekk huwiex minnu li rikorrent kellu għad-dispozizzjoni tiegħu rimedju alternattiv effettiv:

> "*(a) Meta jidher car li jesistu mezzi ordinarji disponibbli biex jikseb rimedju ghall-ilment tieghu, ir-rikorrent ghandu jirrikorri ghal dawk il-mezzi, qabel ma jirrikorri ghar-rimedju kostituzzjonali, u huwa biss wara li jkun fittex dawk il-*

*mezzi jew wara li jidher li dawk il-mezzi ma jkunux effettivament disponibbli li ghandu jintuza r-rimedju kostituzzjonali.*

"*(b) Ghandha torbot id-diskrezzjoni tal-Qorti biex tqis jekk ghandhiex twettaq is-setghat taghha li tisma` kawza ta` natura kostituzzjonali, sakemm ma tingiebx xi raguni serja u gravi ta` illegalita`, ingustizzja jew zball manifest fl-uzu taghha.*

"*(c) Ma hemm l-ebda kriterju stabbilit minn qabel dwar l-uzu ta` din id-diskrezzjoni, billi kull kaz irid jitqies fuq il-fatti u c-cirkostanzi tieghu.*

"*(d) In-nuqqas wahdu ta` tehid ta` mezzi ordinarji mir-rikorrent mhuwiex raguni bizzejjed biex Qorti ta` xejra kostituzzjonali tiddeciedi li ma tuzax is-setghat taghha li tisma` l-ilment, jekk jintwera li l-imsemmija mezzi ma kinux tajbin biex jaghtu rimedju shih lir-rikorrent.*

"*(e) In-nuqqas ta` tehid ta` rimedju ordinarju – ukoll jekk seta` kien ghal kollox effettiv biex jindirizza l-ilment tar-rikorrent - minhabba l-imgieba ta` haddiehor m`ghandux ikun raguni biex il-Qorti ma tezercitax is-setghat taghha li tisma` l-ilment kostituzzjonali tar-rikorrent.*

*(f) L-ezercizzju minn Qorti tal-ewwel grad tad-diskrezzjoni taghha bla ma tistharreg il-materja necessarja li fuqha tali diskrezzjoni ghandha titwettaq, jaghti lil Qorti tat-tieni grad is-setgha li twarrab dik id-diskrezzjoni.*

"*(g) Meta r-rimedju jaqa` fil-kompetenza ta` organu iehor jew meta s-smigh tal-ilment tar-rikorrent sejjer iwassal biex l-indagni gudizzjarja u l-process l-iehor tas-smigh tar-rimedju ordinarju jkunu duplikazzjoni ta` xulxin, il-Qorti kostituzzjonali ghandha ttendi lejn ir-rifjut li tuza s-setghat taghha kostituzzjonali, sakemm l-indagni gudizzjarja tal-kaz ma tkunx, min-natura taghha, ixxaqleb izjed lejn kwistjoni kostituzzjonali.*

"*(h) Fuq kollox, l-uzu tad-diskrezzjoni ghandha tigi ezercitata bi prudenza, u b`mod li fejn jidher li hemm ksur serju ta` drittijiet fondamentali jew anke fejn sejjer ikun hemm ksur ta` dawk id-drittijiet, allura l-Qorti ghandha xxaqleb lejn it-twettiq ta` dawk is-setghat.*"

"L-intimat jibbaża l-eċċezzjoni tiegħu fuq l-artikolu 734 tal-Kap. 12, liema artikolu jelenka ċ-ċirkostanzi meta l-Imħallef jista' jiġi rikużat jew jastjeni ruħu milli joqgħod f'kawża. Din il-lista hija eżawrjenti tenut kont ta' dak li jipprovdi l-artikolu preċedenti u ċioè li:

"*L-imħallfin ma jistgħux jiġu rrikużati u lanqas jistgħu jastjenu ruħhom milli joqogħdu f'kawża miġjuba quddiemhom fil-qorti li fiha huma maħtura biex joqogħdu, ħlief għal xi waħda mir-raġunijiet hawn wara msemmijin.*"

"L-Avukat Ġenerali ma jagħmel l-ebda referenza għall-kap speċifiku ta' dan l-artikolu imma jibbaża l-eċċezzjoni tiegħu fuq il-fatt illi r-rikorrent ma talabx ir-rikuża tal-Imħallfin. Fis-sottomissjonijiet tiegħu imbagħad iżid jgħid li anke li kieku din il-Qorti kellha ssib illi l-kwistjoni hija milquta mill-artikolu 743(1)(d)(ii), xorta jibqa' l-fatt illi r-rikorrent naqas milli jitlob ir-rikuża. L-imsemmi sub inċiż jipprovdi hekk:

"*(1) L-imħallef jista' jiġi rrikużat jew jista' jastjeni ruħu milli joqgħod fil-kawża –*

*(d) (ii) jekk il-kawża kienet ġa ġiet quddiemu bħala imħallef jew bħala arbitru:*

"*Iżda dan ma jgħoddx għal deċiżjoni, mogħtija mill-imħallef, meta ma tkunx qatgħet definitivament il-meritu fil-kwistjoni bejn il- partijiet, u lanqas għal sentenza li teħles ab observantia.*"

"Mhuwiex kontestat illi r-rikorrent ma talabx ir-rikuża tal-Imħallfin fis-smigħ mill-ġdid tal-appell u ċioè wara li ġiet milqugħa t-talba għas-smigħ mill-ġdid mill-istess Imħallfin. Jirriżulta biss illi fl-atti tat-talba għas-smigħ mill-ġdid l-abbli difensur tar-rikorrent ddikjarat illi ma ssibx oġġezzjoni '*li l-Onorevoli Imħallfin Giannino Caruana Demajo u Noel Cuschieri jibqgħu jikkomponu l-Qorti ta' dan l-Appell*' b'dan illi ma saritx dikjarazzjoni ta' din ix-xorta meta seħħ l-ismigħ mill-ġdid.

"Madanakollu, il-Qorti ma taqbilx mal-intimat illi r-rikorrent kellu rimedju ordinarju disponibbli għalih u li allura din il-Qorti għandha tiddeklina milli teżerċita s-setgħat tagħha taħt l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u 4(2) tal-Kap. 319. In kwantu li r-rikorrent qiegħed jilmenta mill-fatt illi l-istess Imħallfin kienu ddeċidew it-talba għar-ritrattazzjoni u semgħu mill-ġdid l-appell mid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti, jirriżulta li l-Imħallfin la setgħu jiġu rikużati u lanqas jastjenu għaliex l-ebda kap tal-artikolu 734 ma jipprovdi għal tali rikuża jew astensjoni. It-talba għar-ritrattazzjoni ċertament ma tistax tiġi meqjusa bħala waħda li 'qatgħet definitivament il-meritu fil-kwistjoni bejn il-partijiet' u allura ma jirriżultax illi r-rikorrent seta' jitlob ir-rikuża jew l-Imħallfin jastjenu ruħhom fl-istadju tas-smiegh mill-ġdid għar-raġuni biss li huma kienu ddeċidew it-talba għar-ritrattazzjoni.

"Għaldaqstant, din l-eċċezzjoni wkoll qiegħda tiġi miċħuda.

"Din il-Qorti sejra issa tgħaddi sabiex tqis il-mertu tal-ilmenti mressqa mir-rikorrent.

"**L-istess Imħallfin**

"Ir-rikorrent jikkontendi li huwa ma ngħatax smigħ xieraq minn Qorti imparzjali bi ksur tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni peress illi l-istess Imħallfin li ddeċidew it-talba għas-smigħ mill-ġdid tal-appell mis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta, kienu l-istess Imħallfin li ddeċidew l-appell mill-ġdid wara li ntlaqgħet it-talba tal-Avukat Ġenerali a tenur tal-artikolu 811(e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta

"Din il-Qorti tibda billi tirrileva li filwaqt illi fir-rikors promotur ir-rikorrent isejjes il-pretensjoni tiegħu fuq il-fatt illi l-istess Imħallfin ddeċidew it-talba għar-ritrattazzjoni kif ukoll l-eventwali smigħ mill-ġdid tal-appell, fis-sottomissjonijiet tiegħu huwa jikkontendi li l-ksur jirriżulta wkoll mill-fatt illi l-istess Imħallfin kienu ddeċidew l-ewwel appell kif ukoll it-talba għas-smigħ mill-ġdid. Madanakollu, din il-Qorti ma tistax tmur lill'hinn mill-parametri ta' dak mitlub fl-imsemmi rikors billi tqis ukoll dan l-ilment li r-rikorrent iqajjem biss fis-sottomissjonijiet tiegħu. Fi kwalunkwe każ, din il-Qorti tqis ukoll illi

dan it-tieni lment tar-rikorrent ma jreġix in kwantu li kienet l-abbli difensur tiegħu stess illi fl-atti tar-ritrattazzjoni ddikjarat illi ma ssibx oġġezzjoni li l-istess Imħallfin jibqgħu jikkomponu l-Qorti għal dak l-appell.

"Għaldaqstant, u għall-finijiet ta' din l-azzjoni, l-indaġini tal-Qorti ser ikun limitat għall-ilment tar-rikorrent kif imressaq fir-rikors promotur tiegħu u ċioè jekk seħħx ksur tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq minn qorti imparzjali minħabba li l-istess Imħallfin ddeċidew kemm it-talba għar-ritrattazzjoni kif ukoll l-appell mill-ġdid mis-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fis-sede kostituzzjonali tagħha.

"Dwar xi tfisser 'qorti imparzjali' għall-finijiet tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, fil-ktieb tagħhom Law of the European Convention on Human Rights (Tieni Edizzjoni), l-awturi Harris, O'Boyle & Warbrick jispjegaw illi:

"'*Impartiality' means lack of prejudice or bias. To satisfy the requirement, the tribunal must comply with both a subjective and objective test:*

"*The existence of impartiality for the purpose of article 6(1) must be determined according to a subjective test, that is on the basis of the personal conviction of a particular judge in a given case, and also according to an objective test, that is ascertaining whether the judge offered guarantees sufficient to exclude any legitimate doubt in this respect.*"[2]

"Fil-każ ta' Kyprianou v Cyprus tal-15 ta' Diċembru 2005, il-Qorti Ewropea rriteniet illi:

"*The Court reiterates at the outset that it is of fundamental importance in a democratic society that the courts inspire confidence in the public and above all, as far as criminal proceedings are concerned, in the accused (see Padovani v. Italy, judgment of 26 February 1993, Series A no. 257-B, p. 20, § 27). To that end Article 6 requires a tribunal falling within its scope to be impartial. Impartiality normally denotes the absence of prejudice or bias and its existence or otherwise can be tested in various ways. The Court has thus distinguished between a subjective approach, that is endeavouring to ascertain the personal conviction or interest of a given judge in a particular case, and an objective approach, that is determining whether he or she offered sufficient guarantees to exclude any legitimate doubt in this respect (see Piersack v. Belgium, judgment of 1 October 1982, Series A no. 53, pp. 14-15, § 30, and Grieves v. the United Kingdom [GC], no. 57067/00, § 69, 16 December 2003). As to the second test, when applied to a body sitting as a bench, it means determining whether, quite apart from the personal conduct of any of the members of that body, there are ascertainable facts which may raise doubts as to its impartiality. In this respect even appearances may be of some importance (see Castillo Algar v. Spain, judgment of 28 October 1998, Reports 1998-VIII, p. 3116, § 45, and Morel v. France, no. 34130/96, § 42, ECHR 2000-VI). When it is being decided whether in a given case there is a legitimate reason to fear that a particular body lacks impartiality, the standpoint of those claiming that it is not impartial is important but not decisive. What is decisive is whether the fear can be held to be objectively justified (see Ferrantelli and Santangelo v. Italy, judgment of 7 August*

[2] Paġna 290

*1996, Reports 1996-III, pp. 951-52, § 58, and Wettstein v. Switzerland, no. 33958/96, § 44, ECHR 2000-XII).*

*...*

"*An analysis of the Court's case-law discloses two possible situations in which the question of a lack of judicial impartiality arises. The first is functional in nature: where the judge's personal conduct is not at all impugned, but where, for instance, the exercise of different functions within the judicial process by the same person (see Piersack, cited above), or hierarchical or other links with another actor in the proceedings (see court martial cases, for example, Grieves, cited above, and Miller and Others v. the United Kingdom, nos. 45825/99, 45826/99 and 45827/99, 26 October 2004), objectively justify misgivings as to the impartiality of the tribunal, which thus fails to meet the Convention standard under the objective test (see paragraph 118 above). The second is of a personal character and derives from the conduct of the judges in a given case. In terms of the objective test, such conduct may be sufficient to ground legitimate and objectively justified apprehensions as in Buscemi, cited above, but it may also be of such a nature as to raise an issue under the subjective test (see, for example, Lavents, cited above) and even disclose personal bias. In this context, therefore, whether a case falls to be dealt with under one test or the other, or both, will depend on the particular facts of the contested conduct.*"

"Fil-każ ta' Warsicka v Poland tas-16 ta' Jannar 2007 intqal hekk:

"*As regards the objective test, the Court is of the view that the requirements of a fair hearing as guaranteed by Article 6 § 1 of the Convention do not automatically prevent the same judge from successively performing different functions within the framework of the same civil case. In particular, it is not prima facie incompatible with the requirements of this provision if the same judge is involved, first, in a decision on the merits of a case and, subsequently, in proceedings in which the admissibility of an appeal against that decision is examined (Eur. Comm. HR, R.M.B. v. the United Kingdom, No. 37120/97, dec. 9 September 1998). The assessment of whether the participation of the same judge in different stages of a civil case complies with the requirement of impartiality laid down by Article 6 § 1 is to be made on a case-to-case basis, regard being had to the circumstances of the individual case and, importantly, to the characteristics of the relevant rules of civil procedure applied to the case. In particular, it is necessary to consider whether the link between substantive issues determined in a decision on the merits and the admissibility of an appeal against that decision is so close as to cast doubt on the impartiality of the judge.*"

"Il-Qorti Kostituzzjonali fil-każ ta' Albert Mizzi noe vs L-Avukat Ġenerali deċiża fis-17 ta' Ottubru 2007 qalet hekk:

"*Meta wiehed ikun qieghed jivverifika jekk gudikant mexiex b'imparzjalità jew le huwa importanti li wiehed jiehu in konsiderazzjoni l-biza' jew is-suspett li akkuzat jew litigant jista' jesprimi fil-konfront ta' dak il-gudikant partikolari. X'jahseb il-litigant jew l-akkuzat f'dan is-sens huwa importanti izda certament*

*mhuwiex deciziv. Dak li huwa deciziv huwa jekk dak is-suspett jew dik il-biza' tal-litigant jew ta' l-akkuzat kenux verament u realment gustifikati. Certament ukoll li, fl-ahhar mill-ahhar biex wiehed jistabbilixxi f'kaz konkret jew gudikant kienx imparzjali jekk le, wiehed ikun irid jezamina u jikkonsidra sew il-fatturi kollha li jistghu jixhtu dawl fuq dan l-aspett u kif dawn l-istess fatturi evolvew fil-process kollu kemm hu tal-kaz partikolari.*"

"Fir-rigward tat-test soġġettiv, ir-rikorrent mhuwiex qiegħed jallega li kien hemm xi imparzjalità personali da parti ta' wieħed mill-Imħallfin sedenti u allura dan it-test huwa sodisfatt. Ir-rikorrent qiegħed jistrieh biss fuq it-test oġġettiv għaliex issotni li l-apparenza ta' nuqqas ta' imparzjalità hija biżżejjed in kwantu li l-istess Imħallfin iddeċidew kemm it-talba għas-smigħ mill-ġdid kif ukoll dak l-ismigħ mill-ġdid tal-appell.

"Din il-Qorti tirrileva li t-talba għar-ritrattazzjoni kienet ibbażata fuq is-sub inċiż 811(l) u ċioè li s-sentenza kienet l-effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża. Peress li l-ġudikanti dehrilhom li dan kien minnu, huma laqgħu t-talba tal-Avukat Ġenerali u ordnaw is-smigħ mill-ġdid tal-appell. Jirriżulta għalhekk illi ma kienx hemm kwistjoni ta' interpretazzjoni legali u ċioè għaliex disposizzjoni tal-liġi ġiet interpretata ħażin, u allura l-każ huwa differenti minn dak ta' San Leonard Band Club v Malta ċitat mir-rikorrent. F'dak il-każ l-Imħallfin sedenti kienu ddeċidew it-talba għar-ritrattazzjoni ta' sentenza tagħhom stess abbażi tas-sub inċiż (e) tal-artikolu 811 u allura kif osservat il-Qorti Ewropea kellhom jiddeċiedu jekk huma stess applikawx il-liġi ħażina fis-sentenza preċedenti tagħhom. Fil-fatt, f'dak il-każ il-Qorti Ewropea sabet li:

"*the Court of Appeal was essentially called upon to ascertain whether its previous judgment of 30th December 1993 was based on a misinterpretation of the law.*"

"L-istess jista' jingħad fir-rigward tal-kawża ta' Frank Cachia vs Prim Ministru tal-10 ta' Ottubru 1991 ċitata mir-rikorrent.

"Stabbilit dan hija l-fehma tal-Qorti li fil-każ tal-lum ma jqum l-ebda dubju dwar l-imparzjalità oġġettiva tal-ġudikanti. Fit-talba għar-ritrattazzjoni, il-Qorti ġiet mitluba tindaga jekk is-sentenza preċedenti tagħha kienitx effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża. Wara li l-ġudikanti sabu li dan kien minnu, u allura kien il-lok illi titħassar dik is-sentenza u jerġa jseħħ smigħ mill-ġdid, kien hemmhekk, u ċioè fl-istadju tas-smiegh mill-ġdid, illi huma ndagaw fil-mertu tal-kwistjoni. In kwantu li dak illi ntalbu jiddeċiedu fiż-żewġ istanzi kien kompletament differenti, ma tqum l-ebda kwistjoni dwar imparzjalità oġġettiva.

"F'dan l-istadju, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet Carmelo Borg et vs vs Direttur Ġenerali tal-Qrati Ċivili u Tribunali Ċivili deċiża mill-Qorti Kostitutzzjonali fil-11 ta' April 2017 fejn intqal hekk:

"*Il-qorti ma tistax taqbel li fl-istadju in rescindendo il-biża' ta' bias kienet oġġettivament ġustifikata, peress li fir-rigward ta' talba għal ritrattazzjoni minħabba żball ta' fatt (paragrafu (l) tal-artikolu 811) il-ġudikant m'huwiex*

> *mitlub jinterpreta l-fatti li dwarhom ikun diġa' esprima l-fehma tiegħu. Kif spjegat hawn fuq l-eżercizzju li tagħmel il-qorti hu limitat ħafna, u fl-ebda stadju ma jinvolvi evalwazzjoni jew interpretazzjoni ta' fatti.*"

"Tenut kont ta' dan kollu, din il-Qorti tqis illi ma sehhitx lezjoni tad-dritt għal smiegħ xieraq tar-rikorrent minħabba l-fatt illi l-istess Imħallfin semgħu u ddeċidew it-talba għar-ritrattazzjoni u l-ismigħ mill-ġdid tal-appell.

"**Ċertezza legali**

"Dan l-ilment tar-rikorrent jirrigwarda allegat nuqqas ta' ċertezza legali bi ksur tad-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq minħabba diverġenzi fis-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali kemm dwar id-dritt għall-assistenza legali kif ukoll dwar jekk il-proċedura straordinarja ta' ritrattazzjoni tistax tintalab fir-rigward ta' sentenza ta' dik il-Qorti.

"In linea ta' prinċipju ġenerali, intqal hekk fil-każ ta' Albu v Romania, deċiża mill-Qorti Ewropea fl-10 ta' Mejju 2012, dwar il-prinċipju ta' ċertezza legali:

> "*In its recent Grand Chamber judgment in Nejdet Şahin and Perihan Şahin v. Turkey ([GC], no. 13279/05, 20 October 2011), the Court reiterated the main principles applicable in cases concerning the issue of conflicting court decisions (§§ 49-58). These can be summarised as follows:*
>
> "*(i) It is not the Court's function to deal with errors of fact or law allegedly committed by a national court unless and in so far as they may have infringed rights and freedoms protected by the Convention (see García Ruiz v. Spain [GC], no. 30544/96, § 28, ECHR 1999-I). Likewise, it is not its function, save in the event of evident arbitrariness, to compare different decisions of national courts, even if given in apparently similar proceedings, as the independence of those courts must be respected (see Ādamsons v. Latvia, no. 3669/03, § 118, 24 June 2008);*
>
> "*(ii) The possibility of conflicting court decisions is an inherent trait of any judicial system which is based on a network of trial and appeal courts with authority over the area of their territorial jurisdiction. Such divergences may also arise within the same court. That, in itself, cannot be considered contrary to the Convention (see Santos Pinto v. Portugal, no. 39005/04, § 41, 20 May 2008, and Tudor Tudor, cited above, § 29);*
>
> "*(iii) The criteria that guide the Court's assessment of the conditions in which conflicting decisions of different domestic courts ruling at last instance are in breach of the fair trial requirement enshrined in Article 6 § 1 of the Convention consist in establishing whether "profound and long-standing differences" exist in the case-law of the domestic courts, whether the domestic law provides for machinery for overcoming these inconsistencies, whether that machinery has been*

*applied and, if appropriate, to what effect (see Iordan Iordanov and Others, cited above, §§ 49-50; see also Beian (no. 1), cited above, §§ 34-40; Ştefan and Ştef v. Romania, nos. 24428/03 and 26977/03, §§ 33-36, 27 January 2009; Schwarzkopf and Taussik, cited above, 2 December 2008; Tudor Tudor, cited above, § 31; and Ştefănică and Others, cited above, § 36);*

"*(iv) The Court's assessment has also always been based on the principle of legal certainty which is implicit in all the Articles of the Convention and constitutes one of the fundamental aspects of the rule of law (see, amongst other authorities, Beian (no. 1), cited above, § 39; Iordan Iordanov and Others, cited above, § 47; and Ştefănică and Others, cited above, § 31);*

*(v) The principle of legal certainty, guarantees, inter alia, a certain stability in legal situations and contributes to public confidence in the courts. The persistence of conflicting court decisions, on the other hand, can create a state of legal uncertainty likely to reduce public confidence in the judicial system, whereas such confidence is clearly one of the essential components of a State based on the rule of law (see Paduraru v. Romania, § 98, no. 63252/00, ECHR 2005-XII (extracts); Vinčić and Others v. Serbia, nos. 44698/06 and others, § 56, 1 December 2009; and Ştefănică and Others, cited above, § 38);*

"*(vi) However, the requirements of legal certainty and the protection of the legitimate confidence of the public do not confer an acquired right to consistency of case-law (see Unédic v. France, no. 20153/04, § 74, 18 December 2008). Case-law development is not, in itself, contrary to the proper administration of justice since a failure to maintain a dynamic and evolutive approach would risk hindering reform or improvement (see Atanasovski v. "the Former Yugoslav Republic of Macedonia", no.36815/03, § 38, 14 January 2010).*"

"Il-Qorti tibda billi tindirizza l-ilment tar-rikorrent sa fejn jolqot l-allegat inċertezza legali fir-rigward tal-ġurisprudenza tal-Qorti Kostituzzjonali dwar id-dritt għall-assistenza legali.

"Fir-rikors promotur tiegħu r-rikorrent jiċċita diversi każijiet tal-Qorti Kostituzzjonali dwar suġġett li llum il-ġurnata, wara id-deċiżjoni tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet Borg v Malta, huwa essenzjalment eżawrit.

"Ħarsa lejn il-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna dwar dan is-suġġett tixhed illi l-Qorti Kostituzzjonali rreġistrat żvilupp fil-mod li ġie interpretat dak deċiż mill-Qorti Ewropea fil-każ ta' Salduz v Turkey. Filwaqt illi kien hemm żmien fejn il-Qorti Kostituzzjonali kienet tinterpreta l-linja li ħadet il-Qorti Ewropea dwar is-suġġett billi ssib ksur tad-dritt għal smigħ xieraq tar-rikorrent għar-raġuni biss li huwa jkun ġie mċaħħad mid-dritt għall-assistenza legali, maż-żmien, il-Qorti Kostituzzjonali żviluppat l-interpretazzjoni tagħha ta' dak deċiż mill-Qorti ta' Strasbourg b'dan illi kien jinsab li seħħet leżjoni biss f'każ li r-rikorrent kien jiġi meqjus mill-Qorti bħala persuna vulnerabbli fiż-żmien illi

huwa jkun ġie interrogat mill-pulizija mingħajr ma seta' jirrikorri għall-assistenza legali. Fi żmien illi ngħatat is-sentenza finali fil-konfront tar-rikorrent fil-każ tal-lum, il-linja li kienet qiegħda ssegwi l-Qorti Kostituzzjonali kienet proprju dik, b'dan illi l-Qorti sabet illi ma seħħ l-ebda ksur tad-dritt għal smigħ xieraq tar-rikorrent peress illi fil-fehma tagħha, meta sarulu l-mistoqsijiet mill-pulizija, huwa ma kienx persuna vulnerabbli.

"Kien biss wara li ġiet deċiża s-sentenza ta' Borg v Malta illi l-Qorti Kostituzzjonali rreġistrat żvilupp ieħor fil-ġurisprudenza tagħha b'dan illi llum il-ġurnata huwa ormai stabbilit illi huwa biżżejjed li l-liġi ma kienitx tippermetti li l-akkużat jew is-suspettat jirrikorri għall-assistenza legali meta jkun qiegħed jiġi interrogat mill-pulizija jew qabel jirrrilaxxa l-istqarrija tiegħu sabiex jinsab illi seħħet leżjoni.

"Madanakollu, bil-fatt waħdu li seħħ dan l-iżvilupp fil-ġurisprudenza, u allura matul is-snin is-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali dwar is-suġġett ma kinux dejjem uniformi, ma jwassalx għall-konklużjoni li r-rikorrent sofra leżjoni tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq minħabba inċertezza legali. Fil-fatt, il-Qorti Ewropea kellha l-opportunità li tindirizza proprju dan il-punt. Fl-imsemmi każ ta' Borg v Malta, deċiż fit-12 ta' Jannar 2016, intqal hekk mill-Qorti Ewropea:

> "*One of the fundamental aspects of the rule of law is the principle of legal certainty (see Brumărescu v. Romania [GC], no. 28342/95, § 61, ECHR 1999-VII), which, inter alia, guarantees a certain stability in legal situations and contributes to public confidence in the courts (see Nejdet Şahin and Perihan Şahin v. Turkey [GC], no. 13279/05, § 57, 20 October 2011). The persistence of conflicting court decisions, on the other hand, can create a state of legal uncertainty likely to reduce public confidence in the judicial system, whereas such confidence is clearly one of the essential components of a State based on the rule of law (see Vinčić and Others v. Serbia, nos. 44698/06 and others, § 56, 1 December 2009). However, the requirements of legal certainty and the protection of the legitimate confidence of the public do not confer an acquired right to consistency of case-law (see Unédic v. France, no. 20153/04, § 74, 18 December 2008), and case-law development is not, in itself, contrary to the proper administration of justice since a failure to maintain a dynamic and evolutive approach would risk hindering reform or improvement (see Atanasovski v. the former Yugoslav Republic of Macedonia, no. 36815/03, § 38, 14 January 2010).*
>
> "*The Court has been called upon a number of times to examine cases concerning conflicting court decisions and has thus had an opportunity to pronounce judgment on the conditions in which conflicting decisions of domestic supreme courts were in breach of the fair trial requirement enshrined in Article 6 § 1 of the Convention (see Paduraru v. Romania, no. 63252/00, ECHR 2005-XII (extracts); Beian, cited above; Iordan Iordanov and Others v. Bulgaria, no. 23530/02, 2 July 2009; Pérez Arias v. Spain, no. 32978/03, 28 June 2007; Ştefan and Ştef v. Romania, nos. 24428/03 and 26977/03, 27 January 2009; Taussik v. the Czech Republic (dec.), no. 42162/02, 2 December 2008; and Tudor v. Romania, no. 21911/03, 24 March 2009). In so doing it has explained the criteria that guided its assessment, which consist in establishing whether "profound and long-standing differences" exist in the case-law of a supreme court, whether the domestic law provides for machinery for overcoming these*

*inconsistencies, whether that machinery has been applied, and if appropriate to what effect (see Iordan Iordanov and Others, cited above, §§ 49-50).*

"*In reply to the Government's arguments (paragraph 105 above), the Court notes that the Constitutional Court's findings in the applicant's case were not dependent on the fact that his proceedings had ended. Indeed, irrespective of the statements made by the first-instance constitutional jurisdiction concerning the applicant's case being res judicata, the Constitutional Court went on to examine and determine the merits of the applicant's complaint in detail and in the light of the relevant case-law. Thus, the Court finds no reason to distinguish the examination of this complaint from that made in the case of Dimech, cited above.*

"*Having analysed the judgments brought to the Court's attention the Court observes that the difference the applicant complains of resides not in the factual situations examined by the domestic courts (see, conversely, Erol Uçar v. Turkey (dec.), no.12960/05, 29 September 2009) – in so far as all the claimants were subject to the blanket provision – but in the application of the law (based on case-law, namely the case-law of this Court). It also appears that the Constitutional Court originally followed the Salduz judgment strictly. However, at some point, notably from 2012 onwards, the Constitutional Court "restricted" its interpretation of the Salduz judgment, with the consequence that a number of persons who were subject to the systemic ban in Malta, and who therefore were not assisted by a lawyer when they made their statements, did not have the benefit of favourable judgments remedying their situation. This interpretation appears to have remained the practice thereafter, in so far as the only example brought by the applicant to demonstrate a further inconsistency was the case of The Republic of Malta vs Alfred Camilleri of 12 November 2012, which was however overturned by the Constitutional Court pending proceedings before this Court.*

"*Thus, as was the case in the recent Dimech judgment (cited above), in the Court's view, unlike in Beian (cited above), the present case does not deal with divergent approaches by the supreme court – in the present case the Constitutional Court, which is the highest court in Malta – which could create jurisprudential uncertainty, depriving the applicant of the benefits arising from the law. The situation in the present case constituted a reversal of case-law. In this connection the Court reiterates that, as held in S.S. Balıklıçeşme Beldesi Tarım Kalkınma Kooperatifi and Others v. Turkey (nos. 3573/05, 3617,05, 9667,05, 9884/05, 9891,05, 10167/05, 10228/05, 17258/05, 17260/05, 17275/05, 17290/05 and 17293/05, 30 November 2010), in the absence of arbitrariness, a reversal of case-law falls within the discretionary powers of the domestic courts, notably in countries which have a system of written law (as in Malta) and which are not, in theory, bound by precedent (see also Torri and Others v. Italy, (dec.), nos. 11838/07 and 12302/07, § 42, 24 January 2012, and Yiğit v Turkey, (dec.) no. 39529/10, §§ 21-22, 14 April 2014).*

"*In Dimech, having examined the circumstances, which also pertain to this case, the Court held that no issue arose in respect of Article 6 § 1 as regards the notion of legal certainty and accordingly there was no violation of that provision (§ 69).*"

"Fl-imsemmi każ ta' Dimech v Malta, deċiża fit-2 ta' April 2015, il-Qorti Ewropea kienet fil-fatt kompliet billi qalet hekk:

> *"The question is, however, more complex, in that the reversal of the case-law did not concern the interpretation of domestic legal norms but of international norms, as interpreted by this Court in its case-law. In the present case the Constitutional Court of Malta departed from the principles established by the Court, a course of action which it was, in theory, free to undertake – although it removes any opportunity for the domestic authorities to make matters right in the domestic system and forces an applicant to bring proceedings before the Court under Article 34 of the Convention. Nevertheless, the Court considers that the way that domestic courts apply relevant case-law of this Court to domestic proceedings cannot by itself raise an issue of legal certainty at the domestic level. Importantly, the Court notes that there is no indication that in the national court's application of their interpretation of this Court's case-law in the applicants' case, there was any arbitrariness capable of raising an issue under the Convention. Indeed, it appears that within their autonomous interpretation of the case-law, the domestic courts were coherent and respected the criteria of judicial assessment."*

"Isegwi għalhekk illi dak li qiegħed jilmenta minnu r-rikorrent illum huwa proprju każ ta' żvilupp mill-Qorti Kostituzzjonali fl-interpretazzjoni tagħha tal-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea, u kif tispjega l-istess Qorti Ewropea, dan fih innifsu ma jwassalx għal-leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq. Id-dritt fundamentali għal smigħ xieraq ma jiggarantix uniformità fil-gurisprudenza u naturalment lanqas ixekkel l-iżvilupp tagħha.

"Fiż-żmien meta giet pronunzjata is-sentenza finali fil-konfront tar-rikorrent, il-Qorti Kostituzzjonali kienet tqis dak l-ilment fid-dawl tal-vulnerabilità o meno tiegħu. Din il-linja ta' interpretazzjoni li kienet tieħu l-Qorti dak iż-żmien ġiet applikata fil-każ tar-rikorrent, bħal ma ġiet applikata f'każijiet oħra simili deċiżi fl-istess perjodu u allura l-Qorti Kostituzzjonali kienet konsistenti fid-deċiżjonijiet tagħha fiż-żmien illi ġie deċiż il-każ tar-rikorrent. Il-prinċipji applikati fid-deċiżjoni li ngħatat fil-konfront tar-rikorrent huma dawk il-prinċipji li l-Qorti Kostituzzjonali kienet tapplika fil-kawżi kollha li kellha quddiemha dwar is-suġġett dak iż-żmien.

"Tenut kont ta' dan kollu u b'applikazzjoni ta' dak li ngħad mill-Qorti Ewropea fil-każijiet ċitati, isegwi li r-rikorrent ma sofra l-ebda ksur tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq minħabba li l-Qorti Kostituzzjonali rreġistrat żvilupp matul iż-żmien fl-interpretazzjoni tagħha tal-ġurisprudenza tal-Qorti ta' Strasbourg.

"It-tieni ilment tar-rikorrent taħt il-kappa ta' allegat nuqqas ta' ċertezza legali jirrigwarda l-ġurisprudenza tal-Qorti Kostituzzjonali dwar l-applikabilità tal-proċedura ta' ritrattazzjoni għal sentenzi ta' dik il-Qorti stess.

"Fl-ewwel lok għandu jiġi ċċarat illi kien biss bl-emenda introdotta permezz tal-Att VII tal-2007 li saret possibli li tintalab ir-ritrattazzjoni ta' kawżi ta'

natura kostituzzjonali. Huwa allura inutli li r-rikorrent jagħmel riferenza għall-ġurisprudenza dwar is-suġġett li tmur lura sa qabel ma daħlet fis-seħħ din l-emenda.

"L-artikolu 811 tal-Kap. 12 illum jaqra hekk:

"*Kawża deċiża b'sentenza mogħtija fi grad ta' appell jew mill-Qorti Ċivili, Prim Awla, fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha, tista', fuq talba ta' waħda mill-partijiet li jkollha interess, tiġi ritrattata, wara li qabel xejn tiġi mħassra dik is-sentenza, għal waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin.*"

"Filwaqt illi qabel l-emenda in kwistjoni kien stabbilit fil-ġurisprudenza li ma tistax tintalab ritrattazzjoni mis-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali, wara li ġiet emendata l-liġi, kien hemm perjodu qasir fejn il-Qorti Kostituzzjonali, mingħajr ma qatt ġie sollevat il-punt dwar jekk il-liġi tippermettix ir-ritrattazjoni ta' sentenzi ta' dik il-Qorti, kienet tidħol fil-mertu tat-talba għal smigħ mill-ġdid. Madanakollu, dawn il-kawżi kienu ftit, b'dan illi llum il-ġurnata huwa stabbilit mill-Qorti Kostituzzjonali li ma tistax tintalab ir-ritrattazzjoni ta' sentenza ta' dik il-Qorti.

"Fid-dawl tal-prinċipji stabbiliti mill-Qorti Ewropea li ġew ċitati aktar qabel f'din is-sentenza, il-Qorti lanqas f'dan il-kuntest ma ssib illi seħħet leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq.

"Il-Qorti tibda billi tgħid li kif sewwa jisottometti l-Avukat Ġenerali, huma ftit wisq il-każijiet fejn intalbet ritrattazzjoni ta' sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali wara l-imsemmija emendi fil-liġi. Għal daqshekk biss, ma jistax jingħad illi kien hemm xi '*profound and long standing differences*' li jistgħu iwasslu għal-leżjoni tad-dritt tar-rikorrent.

"Applikabbli għal każ tal-lum huwa dak li ntqal mill-Qorti Kostituzzjonali fil-każ ta' Stepan Bonnici vs Avukat Ġenerali deċiż fit-28 ta' Jannar 2013:

"*Fid-dawl tal-principji guridici gia` elenkati, il-Qorti tosserva li l-pretensjoni tar-rikorrent li hu sofra lezjoni ta' dritt tieghu ghal smigh xieraq minhabba inkonsistenza f'sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, liema sentenzi gew indikati minnu fir-rikors promotorju, ma tistax tregi, kemm ghax l-inkonsistenza mhijiex "long-standing" kif ukoll ghal mankanza tal-element ta' "evident arbitrariness": zewg rekwiziti essenzjali sabiex l-inkonsistenza fid-decizjonijiet tal-qrati domestici tkun tista' twassal ghal-lezjoni tad-dritt ta' smigh xieraq.*

"*B'referenza ghal hames aggravju, il-Qorti tosserva li inkwantu ghall-bazi fattwali tal-pretensjoni tieghu, ir-rikorrent huwa tenut li jipprova dak allegat minnu, u cioe` li "tirrenja inkonsistenza jekk mhux addirittura konfuzjoni grossolana fil-gurisprudenza nostrali" rigward l-interpretazzjoni tal-Artikolu 3 [1A] tal-Kap. 104 li skont hu, bil-mod kif inhu redatt, huwa leziv tad-dritt konvenzjonali u kostituzzjonali ghal smigh xieraq.*

"*Ir-rikorrent semma' biss tliet kawzi moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, presjeduta mill-istess Imhallef, fl-ismijiet* ***Il-Pulizija v. Angelo Scuderi****,* ***Il-Pulizija v. Stephan Apap*** *u* ***Il-Pulizija v. Charles Apap [recte: Galea]****, fit-3*

*ta' Novembru 2005, fis-26 ta' April 2007 u fis- 7 ta' Mejju 2007 u li skont hu, stabbilew il-gurisprudenza nostrana rigward l-interpretazzjoni tal-Artikolu 3 fuq citat.*

"*Jirrizulta li sussegwentement din l-interpretazzjoni giet skartata mill-istess Qorti tal-Appell Kriminali, diversament presjeduta, fil-kawzi Il-Pulizija v. Andre' Apap moghtija fl-4 ta' Frar 2011 u, fil-kawza li minnha originat din il-kawza, cioe` Il-Pulizija v. Stepan Bonnici moghtija fis-6 ta' Gunju 2011 ukoll diversament presjeduta.*

"*Il-premess juri bic-car li l-interpretazzjoni tal-artikolu de quo moghtija mill-Qorti tal-Appell fit-tliet sentenzi fis-snin 2005 u 2007 ma tikwalifikax bhala "long-standing" fis-sens li din tant giet assodata fil-gurisprudenza nostrana li r-rikorrent kellu kwazi aspettattiva legittima li jippretendi li dik il-linja ta' hsieb ma kinitx ser titbiddel.*"

"B'żieda ma dan kollu, fl-ebda waħda minn dawk il-kawżi fejn ġie trattat il-mertu tat-talba għar-ritrattazzjoni mill-Qorti Kostituzzjonali, inkluż dik tar-rikorrent tal-lum, ma tqajjmet eċċezjoni fis-sens illi l-proċedura ta' ritratazzjoni ma tapplikax għal sentenzi ta' dik il-Qorti. Isegwi minn dan kollu li lanqas ma jirriżulta li d-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali kienet waħda ultra vires.

"Għaldaqstant, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi filwaqt illi tiċħad l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari tal-Avukat Ġenerali, tiċħad it-talbiet tar-rikorrent.

"L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti".

## Rikors tal-appell ta' Alfred Camilleri (08.11.2017)

3. L-attur Alfred Camilleri ħassu aggravat bid-deċiżjoni tal-ewwel qorti u għalhekk interpona dan l-appell minnha. L-aggravji tiegħu huma s-segwenti:

(i) "**L-ewwel aggravju**:

"L-ewwel aggravju tal-attur jirrigwarda l-fatt li l-ewwel qorti ċaħdet it-tieni talba tiegħu, u cioe` li jiġi dikjarat li seħħet vjolazzjoni tal-Artikolu 6 ta' Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta fil-konfront tiegħu minħabba sentenzi konfliġġenti dwar l-applikazzjoni tar-rimedju straordinarju tar-ritrattazzjoni quddiem il-Qorti Kostituzzjonali.

"Jilmenta bil-fatt li l-ewwel qorti ikkunsidrat irrilevanti (u konsegwentement skartat) il-ġurisprudenza anterjuri għall-emenda introdotta bl-Att VII tas-sena 2007, li permezz tagħha saret possibbli li tintalab ritrattazzjoni ta' kawżi ta'

natura kostituzzjonali, speċifikatament minn sentenzi tal-Prim' Awla (ġurisdizzjoni kostituzzjonali). Huwa jsostni li bl-emenda tal-2007 is-sitwazzjoni bħal dik attakkata ma nbidlitx għaliex l-emenda eskludiet ir-rimedju tar-ritrattazzjoni wara deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali. Jargumenta għalhekk li anke l-ġurisprudenza anterjuri għall-emenda kellhom jitqiesu bħala rilevanti. Huwa imbagħad jagħti rassenja kronoloġika ta' numru ta' deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali (mogħtija kemm qabel, kif ukoll wara l-emenda tal-2007) biex juri li teżisti każistika konfliġġenti suffiċjenti biex turi l-inċertezza li ħolqot il-Qorti Kostituzzjonali fir-rigward tal-applikabilita` o meno tal-proċeduri tar-ritrattazzjoni minn deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali.

(ii) **<u>"It-tieni aggravju:</u>**

"It-tieni aggravju tal-attur jirrigwarda l-fatt li l-ewwel qorti ċaħdet it-<u>tielet</u> talba tiegħu, u cioe` li jiġi dikjarat li seħħet vjolazzjoni tal-Artikolu 6 ta' Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta fil-konfront tiegħu <u>minħabba li d-deċiżjoni kienet *ultra vires*.</u>

"L-appellant jgħid li dan l-aggravju għandu jinqara b'żieda mal-ewwel wieħed. Jargumenta li meta din il-qorti laqgħet it-talba għar-ritrattazzjoni hija essenzjalment allokat lilha nfisha poteri li l-liġi ma ttihiex. Jilmenta li l-ewwel qorti ma tatux raġun għaliex skont hi ma tqajmet l-ebda eċċezzjoni fir-rigward, u jargumenta li dan l-argument mhux korrett għaliex mhux neċessarja l-ħtieġa ta' eċċezzjoni f' dan is-sens. Huwa jissottometti li fil-ħin li din il-qorti Kostituzzjonali laqgħet it-talba għar-ritrattazzjoni, meta l-liġi ma tippermettix tali talba, arrekat ruħha funzjoni fejn marret oltre dak permess.

(iii) **<u>It-tielet aggravju</u>**:

"It-tielet aggravju jirrigwarda l-fatt li l-ewwel qorti ċaħdet ir-raba talba tiegħu, u cioe` li cioe` li jiġi dikjarat li seħħet vjolazzjoni tal-Artikolu 6 ta' Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta fil-konfront tiegħu <u>minħabba li kien hemm l-istess imħallfin sedenti kemm fis-sentenza tal-1 ta' Lulju 2013 u kif ukoll fis-sentenza tal-31 ta' Jannar 2014 fl-ismijiet *"Ir-Repubblika ta' Malta vs Alfred Camilleri".*</u>

"L-appellant jgħid li ma jaqbilx li ritrattazzjoni ta' żball ta' fatt tista' tiġi eżaminata mill-istess ġudikanti. Jargumenta li din il-qorti, fil-proċeduri tiegħu, iġġudikat lilha nfisha u dan jammonta għal ksur tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq.

(iv) "**<u>Ir-raba' aggravju</u>:**

"Dan l-aggravju jirrigwarda l-ispejjeż. Huwa jilmenta bil-fatt li ġie kkundannat iħallas l-ispejjeż kollha ta' dawn il-proċeduri minkejja li l-ewwel qorti ma ċaħdet żewġ eċċezzjonijiet preliminari tal-Avukat Ġenerali (cioe` li r-rikors kien frivolu u vessatorju, u li huwa kellu rimedji ordinarji). Jargumenta li l-ewwel qorti ddedikat parti essenzjali mis-sentenza sabiex tittratta dawn l-eċċezzjonijiet, u waslet għaċ-ċaħda tagħhom u għalhekk ma kellux iħallas l-

ispejjeż kollha hu".

**<u>Risposta tal-Avukat Ġenerali (20.11.2017)</u>**

4. L-Avukat Ġenerali wieġeb biex jgħid għaliex l-appell tal-attur għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontrih.

**<u>L-iter proċesswali li wassal għall-ilment kostituzzjonali odjern:</u>**

5. Huwa utli qabel xejn li tingħata rassenja tal-iter proċesswali li wassal għall-ilment kostituzzjonali odjern:

Att t' akkuża Alfred Camilleri ġie **akkużat** b'importazzjoni ta' mediċina psikotropika u ristretta (ecstacy) mingħajr l-awtorizzazzjoni tas-Supretendent tas-Saħħa Pubblika, assoċjazzjoni ma' persuna/i f' Malta jew barra sabiex ibiegħ u jittraffika tali mediċina, u pussess ta' tali mediċina. Proċeduri quddiem il-<u>Qorti Kriminali,</u> fl-ismijiet: "<u>*Ir-Repubblika ta' Malta vs Alfred Camilleri*</u>" (Att ta' Akkuża: 4 /2010)

23.05.2011 Fuq talba ta' Alfred Camilleri, il-<u>Qorti Kriminali</u> f' "<u>*Ir-Repubblika ta' Malta vs Alfred Camilleri*</u>" (4/2010) **ordnat referenza kostituzzjonali** quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (*Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali*) sabiex jiġi determinat jekk huwa sofriex ksur tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq minħabba l-fatt li ma ngħatax il-fakolta` li jikkomunika ma avukat tal-fiduċja tiegħu qabel

ma ġie interrogat. (Ref. Kost. Nru 32/2011).

16.01.2012 Il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili (*Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali*) fir-Referenza Kostituzzjonali Nru 32/2011 fil-kawża fl-ismijiet "*Ir-Repubblika ta' Malta vs Alfred Camilleri*" **ikkonkludiet li fil-fatt kien hemm leżjoni** tad-dritt fundamentali ta' Alfred Camilleri kif protett mill-Artikolu 6(3)(ċ) abbinat mal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea peress li ma kellux dritt għal avukat qabel ma sarulu domandi mill-ispettur fis-7 ta' Settembru 2006. Ordnat li **fil-kors tas-smigħ tal-proċeduri kriminali ma kellux isir użu ta' provi** li jkunu jirreferu għal dak li qal Alfred Camilleri waqt l-istqarrija tiegħu fis-7 ta' Settembru 2006.

12.11.2012 Il-Qorti Kostituzzjonali (GCD/NC/JZM) fir-Referenza Kostituzzjonali Nru 32/2011 fil-kawża fl-ismijiet "*Ir-Repubblika ta' Malta vs Alfred Camilleri*" ċaħdet l-appell tal-Avukat Ġenerali u **kkonfermat id-deċiżjon**i tal-Prim' Awla (*Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali*).

01.07.2013 L-istess Qorti Kostituzzjonali (GCD/NC/JZM) fir-Referenza Kostituzzjonali Nru 32/2011 fil-kawża fl-ismijiet "*Ir-Repubblika ta' Malta vs Alfred Camilleri*" **laqgħet it-talba tal-Avukat Ġenerali għal ritrattazzjoni tal-appell taħt l-artikolu 811(l)** tal-Kap 12 stante li s-sentenza tat-12.11.2012 kienet effett ta' żball. Il-Qorti Kostituzzjonali irrikonoxxiet li "*bi żvista*" ma kinitx qieset ix-xiehda tas-Sovrintendent Ciappara fejn qal li kien **wissa** lil Alfred

Camilleri li ma kellu l-ebda obbligu li jwieġbu għad-domandi li kien ser jagħmillu u li jekk fir-risposti għad-domandi jħoss li kien ser jinkrimina ruħu kellu dritt ma jirrispondix. Spjegat li s-suppożizzjoni żbaljata tagħha li ma kinitx ingħatat it-twissija kienet determinanti fil-motivazzjoni tagħha, għaliex kienet ir-raġuni għaliex sabet li kien hemm ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Għalhekk ħassret is-sentenza u ordnat li l-appell jinstema' mill-ġdid.

31.01.2014 L-istess Qorti Kostituzzjonali (GCD/NC/JZM) fir-Referenza Kostituzzjonali Nru 32/2011 fil-kawża fl-ismijiet "*Ir-Repubblika ta' Malta vs Alfred Camilleri*" **ħassret is-sentenza tal-Prim' Awla** (***Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)*** **tas-16.01.2012 u ddikjarat li ma seħħet l-ebda leżjoni tad-dritt ta' Alfred Camilleri għal smigħ xieraq** skont l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

17.02.2015 Alfred Camilleri intavola l-kawża kostituzzjonali odjerna (21/2015/AF) quddiem il-Prim' Awla (*Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali*). Huwa talab li jiġi dikjarat li ġie leż id-dritt tiegħu għal smigħ xieraq kif protett taħt l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta:

- minħabba sentenzi konfliġġenti dwar l-assistenza legali fl-istadju tal-arrest;

- minħabba sentenzi konfliġġenti dwar l-applikazzjoni tar-rimedju

straordinarju ta' ritrattazzjoni quddiem il-Qorti Kostituzzjonali;

- minħabba li d-deċiżjoni tal-1 ta' Lulju 2013 kienet *ultra vires* tal-istess qorti;

- minħabba li l-imħallifin li taw is-sentenza tal-1 ta' Lulju 2013 fil-kawża fl-ismijiet "*Ir-Repubblika ta' Malta vs Alfred Camilleri*" kienu l-istess imħallfin li taw is-sentenza tal-31 ta' Jannar 2014 fil-kawża fl-ismijiet "*Ir-Repubblika ta' Malta vs Alfred Camilleri*".

Konsegwentement talab lill-qorti sabiex toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa,sabiex twettaq jew tiżgura li t-twettieq tad-drittijiet fundamentali tiegħu, inkluż li **tannulla** s-sentenzi tal-01.07.2013 u tal-31.01.2014 mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża fl-ismijiet *Ir-Repubblika ta' Malta vs Alfred Camilleri*".

09.03.2015 Il-Qorti Kriminali fil-kawża "*Ir-Repubblika ta' Malta vs Alfred Camilleri*" (4/2010), in segwitu għal **patteġġjament** li sar ma' Alfred Camilleri (skont Art. 453A), ikkundannat lill-istess Alfred Camilleri għal 15-il sena priġunerija flimkien ma' multa ta' €25,000.

25.05.2016 Il-Prim' Awla (*Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali*) fil-kawża odjerna (21/2015/AF) iddeċidiet li l-attur **m'għandux interess ġuridiku** biex imexxi 'l

quddiem din l-azzjoni (stante li fil-mori tal-kawża sar **patteġġjament** miegħu fil-proċeduri kriminali) u għalhekk illiberat lill-Avukat Ġenerali mill-osservanza tal-ġudizzju.

25.11.2016 Il-Qorti Kostituzzjonali (SC/GCD/NC) fil-kawża odjerna (21/2015/AF) ħassret is-sentenza tal-25.05.2016, iddikjarat li l-attur **invece għandu interess ġuridiku** għall-proċediment ta' din l-azzjoni u bagħtet l-atti lura lill-Prim' Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) sabiex jitkompla s-smigħ tal-kawża fil-mertu.

19.10.2016 Il-Prim' Awla (*Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali*) fil-kawża odjerna (21/2015/AF) ċaħdet it-talbiet kollha tal-attur.

08.11.2017 L-attur intavola l-appell odjern quddiem din il-Qorti Kostituzzjonali (SC/GCD/NC) abbażi tal-aggravji fuq esposti.

08.01.2018 L-attur **issolleva r-rikuża** tal-imħallfin GCD u NC peress li kienu sedenti fil-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża fl-ismijiet "*Ir-Repubblika ta' Malta vs Alfred Camilleri*" (Ref. Kostituzzjonali Nru 32/2011).

02.03.2018 Din il-Qorti Kostituzzjonali **laqgħet tali eċċezzjoni ta' rikuża** tal-imħallfin GCD u NC.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:**

**L-ewwel aggravju**: *l-attur isostni li l-eżistenza ta' sentenzi konfliġġenti dwar l-applikabilita` o meno tal-proċedura tar-ritrattazzjoni għal sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali jikkostitwixxi ksur tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq*

6. L-ewwel qorti ċaħdet it-tieni talba tal-attur sabiex jiġi dikjarat li bl-eżistenza ta' sentenzi konfliġġenti dwar l-applikazzjoni tar-rimedju staordinarju tar-ritrattazzjoni seħħet vjolazzjoni tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq kif protett bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

7. Hija fl-ewwel lok irriteniet hekk:

> "*…għandu jiġi ċċarat illi kien biss bl-emenda introdotta permezz tal-Att VII tal-2007 li saret possibbli li tintalab ir-ritrattazzjoni ta' kawżi ta' natura kostituzzjonali. Huwa allura inutli li r-rikorrent jagħmel riferenza għall-ġurisprudenza dwar is-suġġett li tmur lura sa qabel ma daħlet fis-seħħ din l-emenda*".

8. **L-Artikolu 811** tal-Kapitolu 12 (kif emendat bl-Att VII tal-2007) illum jaqra hekk:

> "*Kawża deċiża b'sentenza mogħtija fi grad ta' appell jew mill-Qorti Ċivili, Prim' Awla, fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha, tista', fuq talba ta' waħda mill-partijiet li jkollha interess, tiġi ritrattata, wara li qabel xejn tiġi mħassra dik is-sentenza, għal waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin*".

9. Spjegat kif **qabel** l-emenda tal-2007 kien stabbilit fil-ġurisprudenza li ma tistax tintalab ritrattazzjoni minn sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali, imbagħad

**wara** l-emenda tal-2007 (i) kien hemm perjodu qasir fejn il-Qorti Kostituzzjonali (mingħajr ma qatt ġie sollevat il-punt dwar jekk il-liġi tippermettix ir-ritrattazzjoni ta' sentenzi deċiżi minnha) kienet tidħol fil-mertu tat-talba għal smigħ mill-ġdid għal perjodu qasir; u imbagħad (ii) reġgħet marret għall-pożizzjoni oriġinali, u li llum il-ġurnata huwa stabbilit li ma tistax tintalab ritrattazzjoni ta' sentenza deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali.

10. Għar-raġuni fuq mogħtija minnha, hija skartat il-ġurisprudenza anterjuri għall-2007, u fir-rigward tal-ġurispurdenza mill-2007 'il quddiem irriteniet li huma ftit wisq il-każijiet fejn intalbet ritrattazzjoni ta' sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali w allura ma jistax jingħad li hemm xi "*profound and long standing differences*" fil-ġurisprudenza nostrana, li, kif insenjat mill-Qorti Ewropea, jistgħu għal leżjoni tad-dritt tal-attur kif protett taħt l-Artikolu 6[3].

11. L-attur appellant fl-ewwel lok jilmenta bil-fatt li l-ewwel qorti fl-eżami tagħha sabiex tistabbilixxi jekk il-konflitt fil-ġurisprudenza nostrana dwar l-applikabilita` o meno tal-proċedura tar-ritrattazzjoni minn sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali jammontax għal ksur tad-dritt għal smigħ xieraq fil-konfront tiegħu, skartat il-ġurisprudenza kollha anterjuri għall-emenda tal-2007.

12. Din il-qorti f'dan ir-rigward taqbel mal-attur li l-ewwel qorti kienet

[3] L-ewwel qorti ċċitat estensivament mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ewropea f' **Albu vs Romania (deċiża fl-10.05.2012)** dwar il-prinċipju ta' **ċertezza legali**, fejn ġie ritenut, li wieħed mill-kriterji li għandu jiġi meqjus sabiex jiġi stabbilit jekk sentenzi konfliġġenti jiksrux id-dritt ta' smigħ xieraq huwa "*establishing whether 'profound and long-standing differences' exist in the case-law of the domestic courts…"*

skorretta fir-rigward, għaliex hekk kif qabel l-emenda tal-2007 ma kienet teżisti l-ebda liġi li tipprovdi li dak li jkun jista' jitlob ritrattazzjoni minn deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali, hekk ukoll wara tali emenda tal-2007 is-sitwazzjoni baqgħet l-istess, għax għalkemm bl-Artikolu 811 kif emendat ġie provdut speċifikatament li tista' tintalab ritrattazzjoni minn sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (*Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali*) ma ġiex ukoll hekk provdut speċifikatament li tista' tintalab ritrattazzjoni minn sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali.

13. Din il-qorti għalhekk għall-finijiet ta' dan l-aggravju, sejra tikkunsidra mhux biss il-ġurisprudenza sussegwenti għall-emenda tal-2007, iżda wkoll il-ġurisprudenza preċedenti għaliha. (Din il-qorti sejra timmarka bis-sinjal (✓) dawk is-sentenzi fejn il-pożizzjoni meħuda kienet li <u>hija possibbli</u> ritrattazzjoni minn sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali, u bis-sinjal (x) fejn il-pożizzjoni meħuda kienet li <u>mhix possibbli ritrattazzjoni</u> minn sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali).

21.02.1977 (✓) **<u>E Ferro vs Housing Secretary</u>**

Ġiet aċċettata talba għal ritrattazzjoni minn sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali

25.06.1986 **(x)** **<u>Joseph Galea fil-kwalita` ta' Segretarju tal-Każin Nazzjonalista tan-Naxxar vs Onor. Ministeru tax-Xogħlijiet Pubbliċi</u>**

Ġie ritenut li s-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali mhux soġġetti għal ritrattazzjoni

25.06.1986 **(x)** **Carmel Cacopardo vs Ministru tax-Xogħlijiet u Aġent Direttur tax-Xogħlijiet**

Ġie ritenut li s-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali mhux soġġetti għal ritrattazzjoni

24.01.1990 **(x)** **Pulizija vs Carmelo sive Charles Ellul Sullivan et**

Ġie ritenut li s-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali mhux soġġetti għal ritrattazzjoni

06.04.1995 **(✓)** **Lawrence Cuschieri vs L-Onorevoli Prim Ministru**

Ġie ritenut li setgħet issir ritrattazzjoni minn sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali

28.06.1996 **(x)** **Paul Stoner et vs Onor Prim Ministru**

It-talba għal ritrattazzjoni ġiet miċħuda għaliex ġie ritenut li tali proċedura ma kinitx permessa

**2007 Daħlet l-emenda tal-Att VII**

31.10.2008 **(✓)** **Andrew Ellul Sullivan et vs l-Avukat Ġenerali et**

Il-Qorti Kostituzzjonali daħlet fil-mertu dwar jekk it-talba għal ritrattazzjoni ta' deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali kinitx fondata, mingħajr ma tqajmet il-kwistjoni dwar jekk sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali humiex soġġetti għal ritrattazzjoni

08.10.2012 **(✓)** **H Vassallo & Sons Ltd vs Avukat Ġenerali et**

Il-Qorti Kostituzzjonali daħlet fil-mertu dwar jekk it-talba għal ritrattazzjoni ta' deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali kinitx fondata, mingħajr ma tqajmet il-kwistjoni dwar jekk sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali humiex soġġetti għal ritrattazzjoni

01.07.2013 **(✓)** **Ir-Repubblika ta' Malta vs Alfred Camilleri**

Ġiet milqugħa t-talba tal-Avukat Ġenerali biex is-sentenza tat-12.11.2012 (tal-Qorti Kostituzzjonali) tiġi mħassra u ritrattata

28.04.2014 **(✓)** **Jovica Kolakovic vs l-Avukat Ġenerali**

Il-Qorti Kostituzzjonali daħlet fil-mertu dwar jekk it-talba għal ritrattazzjoni ta' deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali kinitx fondata, mingħajr ma tqajmet il-kwistjoni dwar jekk sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali humiex soġġetti għal ritrattazzjoni

30.05.2014 **(✓)** **William Vella pen vs l-Kummissarju tal-Artijiet et**

Il-Qorti Kostituzzjonali daħlet fil-mertu dwar jekk it-talba għal ritrattazzjoni ta' deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali kinitx fondata, mingħajr ma tqajmet il-kwistjoni dwar jekk sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali humiex soġġetti għal ritrattazzjoni

13.01.2015 **(x)** **Joseph Barbara et vs L-Onor Prim Ministru**

Il-Qorti Kostituzzjonali irriteniet li meta fl-2007 il-leġislatur emenda l-Artikolu 811 tal-Kap 12, għalkemm huwa kkonċeda d-dritt ta' ritrattazzjoni minn sentenzi tal-Prim' Awla (*Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali*) huwa intenzjonalment eskluda dan ir-rimedju minn sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali. Hija enfasizzat li l-proċedura tar-ritrattazzjoni mhix kontemplata mil-liġi għal sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali.

03.02.2016 **(x)** **<u>Sean Bradshaw et vs L-Avukat Ġenerali</u>**

Ġie ritenut li r-ritrattazzjoni ta' sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali mhix kontemplata mil-liġi.

27.10.2016 **(x)** **<u>Valletta Freight Services Ltd (C-3478) vs Direttur tal-Qrati Ċivili u Tribunali et</u>**

Ġie kkonfermat li bl-emendi tal-leġislatur kien għażel li ma jestendix ir-rimedju tar-ritrattazzjoni għal sentenzi mogħtija minn din il-Qorti Kostituzzjonali.

14. Kif wieħed jista' josserva, fuq perjodu ta' erbgħin sena kien hemm diversi sentenzi konfliġġenti fir-rigward tal-kwistjoni tar-ritrattazzjoni minn sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali. Madanakollu, għajr għal xi sentenza jew tnejn, wieħed jista' jiddistingwi bejn tliet perjodi partikolari:

- il-perjodu ta' qabel l-emenda tal-2007 fejn kienet ittieħdet il-pożizzjoni li <u>ma tistax</u> tintalab ritrattazzjoni minn sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali;
- il-perjodu ta' wara l-emenda (2008-2014) fejn kienet ittieħdet il-pożizzjoni li <u>tista'</u> tintalab ritrattazzjoni minn sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali;
- il-perjodu mill-2015 'il quddiem, fejn <u>ġie stabbilit definittivament</u> li l-emenda tal-2007 li tippermetti ritrattazzjoni minn sentenzi tal-Prim' Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) <u>ma tippermettix</u> ukoll ritrattazzjoni minn sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali.

15. Din il-qorti ma jidhrilhiex li dan il-mod li bih żviluppat il-ġurisprudenza nostrana, fuq il-kwistjoni tal-possibilita` o meno ta' ritrattazzjoni minn sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali, għandu jitqies li jikkostitwixxi ksur tad-dritt tal-attur

għal smigħ xieraq. Bażikament kien hemm pożizzjoni waħda għal snin twal, imbagħad inbidlet għal ftit snin (aktarx għaliex wara l-emenda tal-2007 ġie mifhum li l-Artikolu 811 tal-Kap 12 ġie japplika ukoll għal sentenzi minn kawżi tal-Qorti Kostituzzjonali) u imbagħad reġgħet inbidlet għal li kienet qabel. Dan ma sarx arbitrarjament. Kif inhu ritenut mill-Qorti Ewropea, sentenzi konfliġġenti jinsabu f'kull sistema ġudizzjarja, iżda dan il-fatt fih innifsu ma jistax jitqies bħala leżiv tal-Artikolu 6. Wara kollox il-possibilita` ta' żvilupp fil-ġurisprudenza jippermetti riforma għall-aħjar, u jevita li pożizzjoni żbaljata jew inġusta tipperdura.

16. Issa l-fatt li l-każ tal-attur inserta seħħ fiż-żmien meta din il-Qorti kienet qegħda tidħol fil-mertu tat-talba għal ritrattazzjoni (u fil-każ tiegħu adirittura instab li kien hemm lok għal tali smigħ mill-ġdid, b'eżitu sfavorevoli għalih) ma jammontax *per se* għal ksur tad-drittijiet tiegħu għal smigħ xieraq. Meta ċittadin jallega li sofra ksur tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq minħabba l-eżistenza ta' sentenzi konfliġġenti, il-qorti trid tara l-istampa kollha tal-ġurisprudenza lamentata minnu. Fil-każ odjern, għar-raġunijiet fuq esposti minn din il-qorti, ma jirriżultax li l-mod ta' kif żviluppat il-ġurisprudenza għandu jitqies li jivvjola d-dritt tal-attur kif protett mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea jew l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

17. Għaldaqstant l-ewwel aggravju tal-appellant jirriżulta infondat.

**It-tieni aggravju**: *l-attur isostni li l-Qorti Kostituzzjonali aġixxiet ultra vires meta fl-01.07.2013 laqgħet it-talba tal-Avukat Ġenerali għal ritrattazzjoni mis-sentenza tagħha tat-12.11.2012*

18. L-ewwel qorti ċaħdet it-tielet talba tal-attur sabiex jiġi dikjarat li d-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali tal-1 ta' Lulju 2013 kienet *ultra vires* u allura b'vjolazzjoni tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq kif protett bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

19. Huwa ħassu aggravat b'dan il-fatt. Jargumenta li bil-fatt li l-Qorti Kostituzzjonali fl-1 ta' Lulju 2013 laqgħet it-talba għar-ritrattazzjoni, allokat lilha nfisha poteri li l-liġi ma tagħtihiex. Iżda kif tajjeb josserva l-Avukat Ġenerali fir-risposta tal-appell tiegħu, permezz ta' dan l-aggravju l-appellant bażikament qed jistieden lil din il-qorti sabiex tiddeċiedi jekk id-deċiżjoni tal-1 ta' Lulju 2013 kinitx "tajba" fil-mertu. Din il-qorti taqbel mal-argument tal-Avukat Ġenerali li l-kompitu tagħha huwa li tara jekk kienx hemm ksur tad-dritt ta' smigħ xieraq kif protett bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu 39 ta' Kostituzzjoni ta' Malta, u **mhux** li tara jekk din l-istess qorti fid-deċiżjoni tal-1 ta' Lulju 2013 iddeċidietx tajjeb jew le. Mhux kompitu ta' din il-qorti li tirrevedi tali deċiżjoni.

20. Għaldaqstant anke dan it-tieni aggravju tal-appellant jirriżulta infondat.

**It-tielet aggravju**: *l-attur isostni li l-fatt li l-kawża ta' ritrattazzjoni (deċiża fit-*

*<u>31.01.2014) instemgħet mill-istess imħallfin li laqgħu it-talba għar-ritrattazzjoni minħabba żball ta' fatt (deċiża 01.07.2013) jikkostitwixxi ksur tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq</u>*

21. L-ewwel qorti ċaħdet ir-raba' talba tal-attur sabiex jiġi dikjarat li sofra ksur tad-dritt għal smigħ xieraq minħabba li kien hemm l-istess imħallfin sedenti kemm fis-sentenza tal-1 ta' Lulju 2013, kif ukoll fis-sentenza tal-31 ta' Jannar 2014. L-attur jilmenta li minħabba li din il-Qorti Kostituzzjonali kienet preseduta mill-istess imħallfin ġie li ġġudikat lilha stess.

22. Din il-qorti pero` assolutament ma tarax kif bil-fatt li imħallfin li laqgħu it-talba għar-ritrattazzjoni minħabba żball ta' fatt (deċiża fl-1 ta' Lulju 2013) kienu l-istess imħallfin li imbagħad semgħu u iddeċidew il-każ mill-ġdid (deċiż fil-31 ta' Jannar 2014) ġie li "*ġġudikaw lilhom stess*". Kif tajjeb irriteniet l-ewwel qorti, dak li intalbu jiddeċiedu fiż-żewġ istanzi kien kompletament differenti u allura ma tqum l-ebda kwistjoni dwar l-imparzjalita` oġġettiva tal-qorti.

23. Se mai l-ilment tiegħu li l-imħallfin "*iġġudikaw lilhom stess*" kellu jkun fir-rigward tal-fatt li l-imħallfin li ddeċidew <u>l-ewwel appell</u> (deċiż fit-12 ta' Novembru 2012) kienu l-istess imħallfin li imbagħad iddeċidew it-talba għar-ritrattazzjoni minħabba żball ta' fatt (deċiża fl-1 ta' Lulju 2013). **Ir-raba' talba tal-attur pero` ma saritx f' dan is-sens, għaliex ir-raba' talba speċifikatament issemmi l-imħallfin li kienu sedenti meta ingħataw is-**

**sentenzi tal-1 ta' Lulju 2013 u tal-31 ta' Jannar 2014**.

24. Fi kwalunkwe każ, fl-ewwel dehra fir-rigward tat-talba għar-ritrattazzjoni minħabba żball ta' fatt (4 ta' Marzu 2013) kien ġie ddikjarat hekk:

> "*Dr Veronique Dalli*[4] *tiddikjara li ma ssib l-ebda oġġezzjoni li l-Onorevoli Imħallfin Giannino Caruana Demajo u Noel Cuschieri jibqgħu jikkomponu l-Qorti ta' dan l-appell.*
>
> "*Peress illi hemm lok ta' Astensjoni tal-President tal-Qorti, minhabba li kien ha konjizzjoni tal-proċeduri kriminali fil-konfront ta' Alfred Camilleri meta kien jokkupa l-posizzjoni ta' Avukat Generali, u qed jippreżenta nota ta' astensjoni.*[5]".

25. Jiġi osservat illi għalkemm it-tielet imħallef (Joseph Zammit McKeon) ma jissemmiex ukoll fil-verbal tal-4 ta' Marzu 2013, jidher li dan kien bi żvista għaliex fil-fatt ma ġietx reġistrata xi oppożizzjoni fir-rigward tiegħu.

26. Għaldaqstant din il-qorti jirriżultalha li dan it-tielet aggravju huwa wkoll infondat.

**Ir-raba aggravju**: *l-ispejjeż*

27. L-attur jilmenta bil-fatt li l-ewwel qorti ordnatlu li l-jħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża. Għalkemm tilef il-kawża huwa jaċċenna għall-fatt li l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-Avukat Ġenerali ġew miċħuda, u allura jargumenta li huwa inġust li jħallas l-ispejjeż kollha hu.

---

[4] Għal Alfred Camilleri preżenti fl-awla

[5] Il-President tal-Qorti Imħallef Silvio Camilleri ġie sostitwit bl-Aġent President tal-Qorti l-Imħallef Giannino Caruana Demajo

28. L-Artikolu 223(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, jipprovi li "*Kull sentenza definittiva għandha tikkundanna lit-tellief għall-ispejjeż.*" Kif jargumenta l-appellat Avukat Ġenerali pero`, anke jekk ġew miċħuda l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tiegħu, jibqa' l-fatt li t-talbiet kollha tal-attur ġew miċħuda *in toto.* Din il-qorti għalhekk tqis li kienet korretta l-ewwel qorti meta ordnat lill-attur appellant iħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża.

**Decide**

29. Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell tal-attur appellant u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha. L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu mill-istess attur appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Anthony Ellul<br>Imhallef |

Deputat Registratur
gr